Vol 38
Nru 198
Ottubru - Diċembru 2017

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



L-ART IMQADDSA

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta.
Tel: 2124 2254

DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd

Il-Materjal kollu li jidher
f'din ir-Rivista
huwa Copyright ©
tal-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa u l-Edizzjoni
TAU, 2017

comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

Qoxra Quddiem:
*Il-Kavallieri ta' S. Ġwann jiddefendu Akri*

# Werrej


6

20



24

29




6 Il-Franġiskani ilhom 800 Sena fl-Art Imqaddsa

18 Ittra tal-Papa Franġisku fl-okkażjoni tat-800 Sena ta' preżenza Franġiskana fl-Art Imqaddsa

20 L-Ilbies fil-Bibbja

24 L-Omm tal-Makkabin (4)

29 Il-Ġustifikazzjoni fil-fidi f'San Pawl

35 Kristoloġija tal-Evanġelju skont San Ġwann




35

# Editorjal

ta' Patri Twanny Chircop ofm



## 800 Sena fl-Art Imqaddsa

Fil-11 ta' Ġunju ta' din is-sena, grupp kbir ta' patrijiet Franġiskani, immexxijin mill-Kustodju tal-Art Imqaddsa, P. Francesco Patton OFM, marru pellegrinaġġ fil-port ta' Akri, fuq il-kosta tat-tramuntana ta' Israel, biex jagħtu bidu għal kommemorazzjoni speċjali. Kien eżattament 800 sena ilu, fl-1217, li l-ewwel grupp ta' patrijiet Minuri, immexxija minn Fra Elia ta' Assisi, jew ta' Cortona, rifsu l-Art Imqaddsa meta waslu proprju fil-port ta' Akri, li kienet il-kapitali tar-renju Kruċjat ta' Ġerusalemm. Hemmhekk huma waqqfu l-ewwel kunvent ċkejken tagħhom, u minn hemm xterrdu biex jibqgħu preżenti fl-Art Imqaddsa matul dawn l-aħħar 800 sena.

Biex tfakkar din il-ġrajja unika l-Kustodja tal-Art Imqaddsa organizzat konvenju ta' tlitt ijiem matul ix-xahar ta' Ottubru, li fih ġew ippreżentati studji minn esperti tal-istorja Franġiskana, u li għalih kienu preżenti l-ogħla awtoritajiet, fosthom il-Kardinal Leonardo Sandri, Prefett tal-Kongregazzjoni tal-Knejjes Orjentali, u l-Ministru Ġeneral tal-Patrijiet Minuri P. Michael Perry, flimkien mal-Amministratur Apostoliku ta' Ġerusalemm u ex-Kustodju tal-Art Imqaddsa Monsinjur Pierbattista Pizzaballa.

L-istorja tal-Franġiskani fl-Art Imqaddsa hi waħda glorjuża, immarkata wkoll minn xhieda erojka li wasslithom sal-martirju. Hi storja li rathom imkeċċijin mill-Art Imqaddsa aktar minn darba, imma dejjem

*...editorjal*
*800 Sena fl-Art Imqaddsa*




lesti li jerġgħu lura malli s-sitwazzjoni tkun favorevoli. Il-preżenza tal-Franġiskani kienet dejjem waħda ta' fedeltà assoluta lejn il-mandat mogħti lilhom mill-Knisja biex iħarsu l-ġebel materjali tas-Santwarji tal-Fidwa u l-ġebel ħaj tal-komunità Kristjana li tgħix fl-Art Imqaddsa.

Ir-raġġ ta' azzjoni tal-Franġiskani fl-Art Imqaddsa kien wieħed wiesa'. Mill-Eġittu, għall-Palestina (illum Israel u Palestina), għall-Ġordanja, għas-Sirja, għal-Libanu, għall-Armenja u ċ-Ċiliċja, għall-gżejjer ta' Ċipru u Rodi, għal Kostantinopli, il-Franġiskani dejjem raw il-missjoni tagħhom bħala waħda unika: dik li jħarsu għall-Kristjanità dak kollu li hu marbut mal-persuna ta' Ġesù Kristu u mal-istorja tas-salvazzjoni.

Is-sigriet tas-suċċess tal-preżenza Franġiskana dejjem kien li din kienet waħda internazzjonali. Il-Franġiskani li ġew joqogħdu fl-Art Imqaddsa, b'riskju kbir għal ħajjithom, kienu u għadhom jiġu mid-dinja kollha, minn kull fejn it-tonka Franġiskana għadha tidher fit-toroq tal-bliet u l-kampanja. Bil-ħidma bla waqfien tal-Kummissarji tal-Art Imqaddsa, li huma l-animaturi veri tal-missjoni fid-diversi pajjiżi, il-Franġiskani dejjem tħeġġew biex jiġu minn jeddhom bħala missjunarji fl-Art ta' Ġesù. Sal-lum il-ġurnata żgħażagħ mid-dinja kollha għadhom jaslu Ġerusalemm u jitolbu lill-Patri Kustodju jlibbishom it-tonka Franġiskana bħala membri tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa, biex joffru ħajjithom għas-servizz tal-Knisja f'din il-ġawhra tal-missjonijiet.

Il-ħidma ta' animazzjoni favur l-Art Imqaddsa ssir b'mod partikulari permezz tal-kura u l-akkumpanjament tal-eluf ta' pellegrini Kristjani li jżuru l-Postijiet Qaddisa. Ix-xogħol tal-Kummissarji tal-Art Imqaddsa hu proprju dak li jakkumpanjaw b'mod espert lil dawn il-pellegrini u jgħinuhom iħobbu l-Art ta' Ġesù. Anke l-Kummissarjat ta' Malta hu minn ta' quddiem nett f'din il-ħidma ta' apostolat. Din is-sena l-Kummissarji tal-Italja, Slovakkja, Slovenja, Albanija, Polonja, Kroazja u Malta ltaqgħu fil-gżira ta' Rodi biex flimkien jitkellmu dwar dan l-apostolat prezzjuż favur il-Kustodja u kif jaffrontaw l-isfidi ġodda ta' min jivvjaġġa bi skop differenti minn dak sempliċement ta' svog jew divertiment, imma jipprova jikber ukoll fil-fidi tiegħu matul il-vjaġġi li jagħmel.

L-istudju tal-Kelma ta' Alla u tal-fdalijiet arkeoloġiċi li huma marbutin mal-ġrajjiet bibliċi hu priorità tal-preżenza u l-ħidma tal-Franġiskani fl-Art Imqaddsa. Għal diversi sekli kienu huma li kitbu kummentarji bibliċi, li ħaffru u sabu fdalijiet antiki li jeħduna lura sal-ewwel sekli tal-preżenza Kristjana fl-Art Imqaddsa. Sal-lum il-ġurnata din il-ħidma titkompla b'mod professjonali permezz tal-i*Studium Biblicum Franciscanum* ta' Ġerusalemm, fejn arkeoloġi ta' fama mondjali jaħdmu b'mod professjonali, u b'kollaborazzjoni sħiħa ma' arkeoloġi Israeljani u Ġordani, kif ukoll ma' oħrajn minn diversi pajjiżi tad-dinja.

Għall-okkażjoni tat-tmien ċentenarju ta' preżenza Franġiskana fl-Art Imqaddsa, l-Papa Franġisku indirizza Ittra lill-Patri Kustodju, Francesco Patton, u lill-Patrijiet Franġiskani tal-Kustodja, li fiha semma' dawn l-inizjattivi kollha li jagħtu ġieħ lill-Kustodja. Imma forsi l-aktar element sabiħ li hemm fl-ittra hi d-dikjarazzjoni li l-Papa jagħmel biex fiha jġedded il-mandat mogħti lill-Franġiskani biex ikunu l-Kustodji uffiċjali tal-Art Imqaddsa f'isem il-Knisja Kattolika, mandat mogħti għall-ewwel darba mill-Papa Klement VI fil-21 ta' Novembru 1342, u mġedded minn diversi Papiet, fosthom il-Papiet reċenti Pawlu VI, Ġwanni Pawlu II, Benedittu XVI u l-Papa attwali.

Il-Papa Franġisku jinsisti wkoll fuq l-attenzjoni li l-Patrijiet Franġiskani jagħtu għall-kura pastorali u soċjali tal-Insara lokali tal-Art Imqaddsa, u jħeġġeġ lill-komunità Kristjana fid-diversi djoċesijiet biex tkompli tgħinhom f'din il-missjoni tagħhom l-aktar permezz tal-ġabra annwali favur l-Art Imqaddsa. Din l-inizjattiva ssib appoġġ minn diversi isqfijiet, u ta' min isemmi b'sens ta' rikonoxxenza lill-isqfijiet tagħna Charles Jude Scicluna u Mario Grech, li dejjem taw l-appoġġ personali tagħhom favur l-Art Imqaddsa, kif għamlu wkoll il-predeċessuri tagħhom. Hu permezz ta' din l-għajnuna li l-missjoni tal-Art Imqaddsa tista' tkompli fil-ħidma tagħha reliġjuża, soċjali, edukattiva, u professjonali, favur il-komunitajiet Kristjani preżenti fl-Art Imqaddsa u favur l-għarfien tal-Iskrittura u t-tixrid tal-fidi.

Din ir-rikorrenza ta' 800 sena ta' preżenza Franġiskana ma tridx biss tkun kommemorazzjoni ta' ġrajja tal-passat jew ta' storja glorjuża. Dak li issa jibqa' sfida għall-Franġiskani hu l-futur tagħhom fl-Art Imqaddsa, fis-sitwazzjoni soċjo-politika li fiha jgħixu. Il-Papa Franġisku fakkarhom fl-Ittra tiegħu fil-kliem ta' San Franġisk, li meta jibgħat lill-patrijiet tiegħu għall-missjoni, jinkuraġġihom biex ikunu strumenti ta' paċi u rikonċiljazzjoni bejn il-bnedmin. Fil-kuntest attwali ta' tensjoni etnika, reliġjuża u soċjali, l-preżenza tal-"patrijiet tal-ħabel" fl-Art Imqaddsa, jekk tkun preżenza ta' sempliċità evanġelika u ta' paċi, għad għandha quddiemha futur sabiħ.

## *Il-Bord Editorjali jawgura Milied Qaddis u s-Sena t-Tajba lill-qarrejja kollha*



# IL-FRANĠISKANI ILHOM 800 SENA FL-ART IMQADDSA

*Noel Muscat ofm*

Il-preżenza Franġiskana fl-Art Imqaddsa tmur lura uffiċjalment għall-1217. F'dik is-sena ntbagħtu l-ewwel patrijiet fil-missjoni bħala riżultat tad-deċiżjonijiet tal-kapitlu ġenerali ta' Pentekoste, li sar fil-Porziuncola fl-14 ta' Mejju 1217. Tradizzjoni antika ssostni li l-ewwel patrijiet waslu fil-port kruċjat ta' Akri taħt id-direzzjoni ta' fra Elia, li għaldaqstant jitqies bħala l-ewwel ministru provinċjal tas-Sirja jew ta' *Oltremare*, kif kien jissejjaħ ir-reġjun tal-Art Imqaddsa matul l-ewwel seklu tal-istorja tiegħu.

Fuq din it-tradizzjoni l-istoriċi jqiegħdu l-wasla ta' San Franġisk fil-lvant matul il-ħames kruċjata fis-sajf tal-1219. Il-pellgrini sal-lum jistgħu jżuru l-fdalijiet tal-port medjevali tal-Pisani f'Akri, li jiġi meqjus bħala l-post tradizzjonali li fih fra Elia laqa' lil San Franġisk, li kien telaq minn Bari jew Brindisi (tradizzjoni oħra tgħid Ancona) fl-24 ta' Ġunju ta' dik is-sena. Franġisku kien waqaf Akri qabel ma kompla l-vjaġġ tiegħu bil-baħar tul il-kosta tal-Palestina sa ma wasal Damietta, fuq id-delta tax-xmara Nil fl-Eġittu. Mit-traġedja tal-battalja ta' Qarne Hattin (4 ta' Lulju 1187) u mill-waqgħa ta' Ġerusalemm taħt Saladin (2 ta' Ottubru 1187), ir-Renju Latin ta' Ġerusalemm ġie ridott għal ftit bliet fortifikati u kastelli fuq il-kosta tal-Palestina u tal-Libanu, li kienu jinkludu Ġaffa, Arsouf (Apollonia), Ċesarija Marittima, Atlit (il-Kastell tal-Pellegrini), Akri, Tir, Sidon, Tripli u Antjokja. Dawn kienu l-aħħar fortizzi kruċjati fil-Palestina. Waħda wara l-oħra spiċċaw biex waqgħu f'idejn is-Saraċini. Antjokja waqgħet fl-1268 u Akri waqgħet f'idejn Al-Ashraf Khalil fit-18 ta' Mejju 1291.

## L-ewwel sinjali tal-preżenza Franġiskana fl-Art Imqaddsa

Il-*Vita Prima* ta' fra Egidio t'Assisi (*Vita beati Aegidii Assisiatis*, in L. Lemmens, *Documenta antiqua franciscana*, I: *Scripta fratris Leonis socii S.P. Francisci*, Quaracchi 1901, 37-63) tgħidilna li dan il-fra umli Franġiskan kien l-ewwel wieħed li rifes l-Art Imqaddsa u żar il-Qabar ta' Kristu f'Ġerusalemm: "Wara din il-ġrajja, hu xtaq iżur il-qabar tal-Mulej u l-postijiet l-oħrajn tal-Art Imqaddsa fejn il-Mulej kien għex mal-Verġni mqaddsa u mad-dixxipli tiegħu. Jum minnhom, billi l-imqaddes Franġisku staqsih x'ried jagħmel, hu urih din ix-xewqa tiegħu. Wara li tah miegħu wieħed minn sħabu l-imqaddes Franġisku tah l-ubbidjenza biex jitlaq. Meta hu beda jivvjaġġa wasal fil-port tal-belt ta' Brindisi u hemmhekk għex għal ftit żmien. Waqt li kien jistenna x-xini hu xtara buqar li fih kien iġorr l-ilma, u kien idur mal-belt jgħajjat:



*Il-Port tal-Pisani f'Akri, fejn wasal S. Franġisk fl-1219*




'Min irid jixtri l-ilma?' U kien jgħix b'dak li kien jiddobba. Imbagħad qasam il-baħar, u b'devozzjoni u qima żar il-qabar tal-Mulej u wkoll il-postijiet l-oħrajn li kien xtaq jara. Waqt li kien jgħix fil-belt ta' Akri hu kien jitħabat biex jgħix bil-ħidma tiegħu. Kien jaħdem il-qasab li kienu jużaw in-nies f'dak il-post. Meta ma kienx ikun jista' kien jittallab il-karità bieb bieb. Imbagħad reġa' lura lejn Santa Maria tal-Porziuncola mal-patrijiet" (*Storia della vita del beato Egidio (Vita Perugina)*, 4, traduzione di S. Brufani, in *Fonti Agiografiche dell'Odine Francescano*, a cura di M. T. Dolso, Edizioni Francescane, Padova, 2014, numru marġinali 1198).

L-istoriku tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa, patri Girolamo Golubovich, *Biblioteca bibliografica di Terra Santa*, I, Quaracchi 1906, 105, rigward id-data li fiha Egidio mar l-Art Imqaddsa, jagħżel l-1215, filwaqt li xi studjużi oħrajn imorru lura għall-1213-1214. Golubovich jgħid li Egidio kien: "l-ewwel Minorita li rifes l-Art Imqaddsa biex iżur il-Qabar ta' Kristu u l-Postijiet Qaddisa tal-Palestina."

Ir-rakkont taż-żjara ta' fra Egidio jagħtihielna wkoll Arnaldo di Sarrant fil-*Kronaka tal-XXIV Ministri Ġenerali tal-Ordni tal-patrijiet Minuri* (*Chronica XXIV Generalium*, in *Analecta Franciscana* III, 77).

Iż-żjara ta' fra Egidio kienet ċertament eċċezzjoni u l-ewwel sinjal ta' preżenza Franġiskana li damet biss għal ftit xhur fl-Art Imqaddsa qabel l-1217, imma timmarka bidu importanti, ukoll għax fra Egidio irnexxielu jżur il-Qabar ta' Kristu f'perjodu li kien diffiċli ħafna għall-insara biex imorru. Iż-żjara ta' Eġidju nistgħu inqisuha bħala uniku f'dan il-perjodu tal-istorja tal-Ordni. Il-patrijiet li waslu fil-Palestina wara l-kapitlu tal-1217 kienu jgħixu fil-bliet fortifikati tal-kruċjati, ukoll jekk ċertament kienu jirriskjaw ħajjithom u joħorġu fir-reġjuni tal-"infidili" għal skopijiet missjunarji. Għandna xi eżempji ta' martri Franġiskani fl-Art Imqaddsa, li kienu maqtulin mis-Sarċini *in odium fidei*, bħall-każ ta' fra Filippu ta' Le Puy, martirizzat f'Ashdod fl-1288.

## Il-Kapitlu Ġenerali tal-1217 u l-ewwel missjonijiet

Il-kronista Franġiskan Giordano da Giano jikteb: "Fis-sena tal-Mulej 1219 li kienet l-għaxar sena

mill-konverżjoni tiegħu, Franġisku, fil-kapitlu li sar f'Santa Maria della Porziuncola, bagħat xi patrijiet fi Franza, fil-Ġermanja, fl-Ungerija, fi Spanja u f'dawk il-provinċji l-oħrajn tal-Italja li fihom kienu għadhom ma waslux" (Giordano da Giano, *Cronaca*, 4, in *Fonti Francescane. Nuova Edizione*, 2326). Dan hu riferiment għas-sena 1217, pjuttost milli għall-1219. Kien f'dik is-sena li l-ewwel patrijiet intbagħtu fir-reġjuni 'l hemm mill-Alpi u 'l hemm mill-baħar.

Mill-istess Giordano da Giano nafu li l-ewwel spedizzjonijiet missjunarji 'l fuq mill-Alpi kienu falliment, x'aktarx minħabba n-nuqqas ta' preparazzjoni adegwata tal-missjunarji volontarji. Il-patrijiet fi Franza ġew sospettati li kienu eretiċi Albiġiżi, imma l-Papa Onorju III iddefendihom quddiem l-isqfijiet bil-bulla *Cum dilecti* (11 ta' Ġunju 1219). Fil-Ġermanja u l-Ungerija l-ewwel missjunarji għamlu esperjenzi ta' kull tip ta' persekuzzjoni, billi ma kiinux jafu l-lingwi lokali u n-nies ħasbithom eretiċi Katari. Kien biss fl-1219 li l-ewwel grupp organizzat ta' missjunarji stabilixxa ruħu f'Pariġi u fil-Ġermanja. Fi Spanja u l-Portugal kien hemm preżenza Franġiskana fl-1219. Kien Franġisku nnifsu li mar Spanja fl-1213 imma marad u kellu jerġa' lura l-Italja. Fl-1219 grupp ta' patrijiet kellhom kunvent f'Olivais, barra Coimbra, fil-Portugal. Minn hemm marru l-Marokk u mietu martri f'Marrakesh fis-16 ta' Jannar 1220. Kienu fra Berardu u sħabu, li meta l-fdalijiet tagħhom inġiebu Coimbra wasslu lill-kanonku regolari Agostinjan Fernando da Lisbona biex jidħol Franġiskan u jsir fra Antnin (S. Antnin ta' Padova).

Kien f'dawn is-snin li l-preżenza Franġiskana fl-Art Imqaddsa ġiet konsolidata minn fra Elia u l-ewwel patrijiet. L-istoriku Franġiskan Heribert Holzapfel juri li l-provinċji jew reġjuni tal-Ordni fl-1226, is-sena li fiha miet



*Mappa antika ta' Akri*



Papa Girgor IX

San Franġisk, kienu 12, 6 fl-Italja u 6 'l fuq mill-Alpi u 'l hemm mill-baħar: (1) Tuscia (Umbria u Toscana), (2) Marche, (3) Lombardia, (4) Terra di Lavoro (Napli), (5) Puglie, (6) Calabria (u Sqallija), (7) *Oltremare* (Sirja), (8) Spanja, (9) Franza, (10) Provence, (11) Ġermanja (u Ungerija), (12) Ingilterra (H. Holzapfel, *Manuale Historiae Ordinis fratrum Minorum*, Friburgi-Brisgoviae, 1909, 142).

Il-provinċja tas-Sirja, magħrufa bħala ta' *Oltremare*, kienet tinkludi wkoll ir-reġjun ta' Romania (Kostantinopli u Greċja), u kienet tinfirex mal-Lvant Nofsani kollu (Asja Minuri, Ċipru, Sirja, Antjokja, Palestina u l-Eġittu). Kienet tinfirex fit-territorji kkontrollati mis-Saraċini u mill-Imperu Biżantin. Kif rajna l-bliet fortifikati tar-Renju Latin ta' Ġerusalemm f'dak iż-żmien kienu jinkludu ftit fortizzi fuq il-kosta tal-Palestina, Libanu u Ċipru. Fl-1217 Akri kienet il-belt kapitali tar-Renju Latin, bil-preżenza tal-Ordnijiet Kavalereski tat-Templari u l-Ospidalieri. Minn Akri fra Elia u l-ewwel patrijiet setgħu jorganizzaw il-ħidma missjunarja tagħhom.

## L-ewwel kunvent li kellhom il-Franġiskani f'Akri

Il-preżenza f'Akri tal-Ordnijiet Kavalereski kienet tfisser li f'din il-belt kapitali tal-Kruċjati marru joqogħdu wkoll l-Ordnijiet ġodda, hekk imsejħin Mendikanti, li twieldu fis-seklu 13. Dawn mhux biss kellhom kunventi, imma saħansitra skejjel ta' teoloġija: "Because of the presence of the numerous religious houses in Acre, there were Christian schools in Acre. Theology was taught here since 1218. Besides the likelihood of a school connected with the Cathedral of the Holy Cross, the Franciscans and the Dominicans must have had *studia* in Acre. William of Rubruck had been assigned to the Franciscan convent (established *c.* 1219) as *lector* in 1255. Certainly both the Franciscans and the Dominicans were actively involved in the study of oriental languages, including Arabic and Armenian, for their missionary activities" (Jaroslav FOLDA, *Crusader Art in the Holy Land. From the Third Crusade to the Fall of Acre (1187-1291)*, Cambridge University Press 2005, 400).

Ma nafux eżattament fejn l-ewwel kunvent tal-Franġiskani f'Akri kien

jinsab, almenu fil-bidunett meta wasal fra Elia. Nafu li, aktar tard, il-Franġiskani kellhom knisja u kunvent fil-kwartier ta' Montmusard (FOLDA, 183). Dan kien kwartier residenzjali ġdid li kien twaqqaf fil-bidu tas-seklu 13 fuq ix-xaqliba tat-tramuntana ta' Akri, imdawwar bil-fortifikazzjonijiet tiegħu. Diġà fl-1206 kien hemm kunvent tad-Dumnikani f'Akri, li kien jinsab fuq it-tramuntana tal-kwartier tat-Templari, filwaqt li fl-istess żmien kien inbena wkoll il-kunvent tal-Karmelitani f'Montmusard.

Fra Elia ċertament waqqaf il-kunvent ta' Akri, u x'aktarx ukoll residenzi oħrajn tal-patrijiet f'Antjokja, Tripli, Beirut u Tir (S. VECCHIO, *Elia d'Assisi*, in *Dizionario Biografico degli Italiani*, Vol. 42 (1993): www.treccani.it/enciclopedia/elia-d-assisi).

Ma tantx għandna informazzjoni rigward il-patrijiet li kienu jgħixu b'mod permanenti fil-provinċja tas-Sirja matul is-seklu 13. Ġerusalemm u l-Art Imqaddsa baqgħu ċentri importanti għall-Kristjanità. Fl-istess żmien, il-ministeru ta' evanġelizzazzjoni tal-Franġiskani fil-Lvant Nofsani kien indirizzat lejn skopijiet differenti, u mhux biss lejn l-Art Imqaddsa fis-sens speċifiku. Nafu, per eżempju, li wara l-1220 fra Benedittu ta' Arezzo kien preżenti f'Antjokja bħala ministru tal-provinċja tas-Sirja u suċċessur ta' fra Elia. Ma nafux jekk kienx is-suċċessur dirett ta' Elia, inkella kienx it-tielet wieħed wara fra Luca, li jiġi msemmi bħala ministru tar-Romania (ir-reġjun tal-Greċja, gżejjer tal-baħar Eġew u Kostantinopli). Qabel l-1221 ċertu fra Andrea, *ultramarinus de civitate Achon*, mela minn Akri, daħal fl-Ordni u kien preżenti f'Parma, flimkien mal-Balliju ta' Sidon, għall-magħmudija tal-kronista Franġiskan famuż Salimbene de Adam da Parma. William of Tyre jgħid li fl-1228 żewġ patrijiet waslu Akri, mibgħuta mill-Papa Girgor IX, biex iwasslu s-sentenza ta' skomunika tal-Imperatur Federiku II. Iż-żewġ patrijiet ġew maqtulin mill-istess Imperatur bħala tpattija lill-Papa tal-iskomunika. Kien hemm Franġiskani oħrajn li sofrew persekuzzjoni mill-istess Imperatur, kull darba li riedu jżommu mal-Papa fl-ispedizzjonijiet missjunarji tagħhom fl-Art Imqaddsa (A. MUSARRA, *Outremer dinanzi a Francesco. Gli Stati Latini di Terra Santa e la predicazione minoritica in età pre-custodiale*, in *Frate Francesco* 82 (Aprile 2016 – n. 1) 15).

Dejjem fuq dak li jikteb Folda fl-istudju tiegħu: "The Franciscans had their house in the southeast corner of Montmusard, near the Gate of St. Anthony; the house was said to have been founded by St. Francis himself" (FOLDA, 183).

## Profil storiku fuq il-wasla tal-Franġiskani fl-Art Imqaddsa

L-istudjuż Filippo Sedda għamel preżentazzjoni interessanti tal-figura ta' fra Elia ta' Assisi, jew ta' Cortona, waqt iċ-ċelebrazzjonijiet tat-800 sena


*Federiku II*



*Filippo Sedda*

tal-preżenza Franġiskana fl-Art Imqaddsa organizzati mill-Kustodja tal-Art Imqaddsa fix-xahar ta' Ottubru. Is-sejba tal-kodiċi tal-*Vita Brevior* ta' fra Tommaso da Celano mill-istudjuż Jacques Dalarun wassal għal rivalutazzjoni tal-figura ta' fra Elia fir-relazzjoni tiegħu ma' San Franġisk. Il-fatt li fra Elia hu magħruf bħala l-ministru ġeneral tal-Ordni (1232-1239) li mbagħad spiċċa skomunikat sa sena qabel ma miet fl-1253, ħalla fid-dlam ir-rwol tiegħu bħala l-ewwel ministru tal-provinċja tas-Sirja, jew *Oltremare*. Diġà għidna kif il-kronista Giordano da Giano jagħtina informazzjoni dwar fra Elia, meta jitkellem dwar fra Cesario minn Speyer li daħal fl-Ordni proprju f'Akri, milqugħ minn fra Elia.

Meta San Franġisk mar fl-Orjent fl-1219 Tommaso da Celano jinsisti li hu mar hemmhekk bl-iskop li jmut martri. Dan hu element importanti biex nifhmu wkoll l-iskop tal-preżenza tal-Franġiskani fir-reġjun ta' *Oltremare*. Nafu li, meta Franġisku reġa' lura l-Italja fl-1220, ħa miegħu lil fra Elia, il-ministru ta' *Oltremare*, flimkien ma' Pietro Cattani u Cesario minn Speyer. Il-fatt li Franġisku kien jafda lil Elia responsabiltà hekk kbira f'reġjun diffiċli tal-Ordni, juri kemm dan kien persunaġġ importanti, hekk li Tommaso da Celano jgħid li Elia kien "omm" għal San Franġisk. Jidher li Elia dam 3 snin fir-reġjun ta' *Oltremare* (1217-1220), u li kien jeżerċita l-predikazzjoni penitenzjali billi hu ma kienx kjeriku.

Rajna kif l-informazzjoni dwar il-kapitlu ġenerali ta' Pentekoste tal-1217 hi skarsa ħafna. Nafu, iżda, li din kienet l-ewwel darba li Franġisku bagħat lill-aħwa f'missjoni fid-dinja kollha magħrufa ta' dak iż-żmien. Hi l-*Kronaka tal-XXIV Ġenerali* li tgħid li fl-1217 ġew istitwiti l-provinċji fl-Ordni. Issa din il-kronaka hi datata għal nofs is-seklu 14 (1365), jiġifieri hi tardiva ħafna.

L-istudjuż Filippo Sedda jinsisti li l-kelma "provinċja" fil-Fonti Franġiskani ma tindikax neċessarjament entità ġuridika ta' familja reliġjuża kif nafuha llum, imma pjuttost "reġjun" li fih il-patrijiet kienu jmorru biex jippridkaw. Dawn id-dokumenti jsostnu li l-ewwel postijiet li fihom marru l-patrijiet kienu dawk fejn in-nies kienu jsegwu r-reliġjon kattolika, anke jekk mhux dejjem dawn sabu min laqagħhom, kif diġà rajna. Jingħad, per eżempju, li għall-bidu, l-patrijiet ma kellhomx permess li jibnu kunventi. Jidher li l-patrijiet kienu jgħixu f'*loca*, jew postijiet proviżorji, jew eremitaġġi.

Ir-*Regola bullata*, meta titkellem dwar il-kapitlu ġenerali, tgħid li l-ministri li kienu jgħixu fir-reġjuni 'l fuq mill-Alpi u 'l hemm mill-baħar, kellhom jiġu għall-kapitlu darba kull 3 snin. Għaldaqstant Elia kien ministru mhux ta' provinċja fis-sens ġuridiku attwali tal-kelma, imma pjuttost ta' reġjun.

Kien il-Kapitlu ta' Pisa tal-1263, fi żmien San Bonaventura, li l-provinċja ta' *Oltremare* ġiet maqsuma f'żewġ provinċji, jiġifieri dik Oltremarina (Siria) u dik ta' Romania (Greċja). L-eqdem riferiment għar-reġjun tal-Lvant Nofsani hu dak ta' provinċja tas-Sirja,

jew *Oltremare*. Niltaqgħu mal-espressjoni *partes ultramarinas* (reġjun 'l hemm mill-baħar).

Fil-*Bullarium Franciscanum* insibu xi riferiment importanti għal dan ir-reġjun. Hemm grupp ta' ittri papali mibgħutin lill-patrijiet Minuri u Predikaturi li kienu jgħixu fir-renju tal-Miramolino (fil-Marokk). L-aktar waħda importanti hi ittra imsejħa *Constitutus in praesentia* (9 Diċembru 1220 lill-kardinal Giovanni Colonna, legat papali għall-imperu Latin, u 18 Frar 1221 lill-patrijarka ta' Kostantinopli). Papa Onorju III jiddefendi lil ċertu Giovanni, prepostu tal-knisja ta' Kostantinopli, jew *monachus*, li kien sar Franġiskan. Il-bulla hi indirizzata lil ċertu fra Luca *magister* tar-reġjun ta' Romania li laqa' l-professjoni ta' dan Giovanni. Romania kif rajna tfisser Greċja, li wara l-1221 kellha lil fra Benedetto d'Arezzo bħala ministru. Billi r-Regola Franġiskana tgħid li l-professjoni kellu jilqagħha l-ministru. Mela Luca kien it-tieni ministru tal-provinċja ta' *Oltremare*, wara fra Elia u qabel fra Benedetto.

Golubovich jgħidilna li fl-1230 il-Papa Girgor IX indirizza *Breve* lill-Patrijarka ta' Antjokja u prelati oħrajn tal-Orjent, li fiha naraw li l-Patrijiet Minuri kienu diġà jgħixu b'mod stabbli f'dawn ir-reġjuni. Billi l-isqfijiet kienu qegħdin jostakolaw il-ħidma apostolika tal-Franġiskani l-Papa jiddefendihom bil-Bulla *Si Ordinis Fratrum Minorum*, li hi l-eqdem dokument li hu mħares fl-Arkivji tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa u li hu xhieda tal-preżenza tal-Franġiskani f'dawn ir-reġjuni. Il-Papa jgħid lill-isqfijiet li huma kellhom iħallu lill-patrijiet jibnu oratorji u kunventi fid-djoċesijiet tagħhom (Beatrice SALETTI, *I Francescani in Terra Santa (1291-1517)*, Edizioni Libreria Universitaria, Padova 2016, 39-46).

Il-Bulla *Si Ordinis Fratrum Minorum* hi dokument prezzjuż għax turina kemm il-Franġiskani kienu diġà stabbli fl-Art Imqaddsa fl-1230, l-aktar wara l-waqfien mill-ġlied miftiehem bejn l-Imperartur Federiku II u s-sultan tal-Eġittu al-Malik al-Kamil fl-1229. Inġibu hawn it-traduzzjoni tat-test tal-Bulla, promulgata f'Perugia fl-1 ta' Frar 1230 (GIRGOR IX, Bulla *Si Ordinis Fratrum Minorum*, in *Bullarium Franciscanum,* Tomus I, Ed. Sbaralea, Roma 1759, 58-59):



*Tommaso da Celano*



*Il-Kavallieri ta' S. Ġwann jiddefendu Akri*

"GIRGOR, Isqof, Qaddej tal-qaddejja ta' Alla. Lill-Venerabbli Ħutna l-Patrijarki ta' Antjokja u Ġerusalemm, u Legati tas-Sede Apostolika, lill-Arċisqfijiet, Isqfijiet, u maħbubin uliedna Abbati, Prijuri, Prepositi, Dekani, Arċidjakni, u l-Prelati l-oħrajn Ekkleżjastiċi, li lilhom tasal din l-Ittra, Saħħa u Barka Apostolika.

Jekk intom tagħtu attenzjoni għall-Ordni tal-Patrijiet Minuri, intom tistgħu tintebħu b'mod sħiħ li huma ma jixtiqux li jkollhom il-ġid tal-art, għaliex huma jipprofessaw li jikkuntentaw ruħhom b'dak li hu neċessarju fil-faqar tagħhom, u huma jipprofessaw il-faqar b'mod speċjali. Għaldaqstant aħna nitolbu li intom turuhom il-favur tagħkom, kif jaqbel lilhom, u ma tpoġġulhomx xkiel, billi huma mhumiex qegħdin ifittxu jew jixxenqu għall-kumditajiet temporali. Għaldaqstant aħna inwissu lilkom ilkoll u nħeġġukom b'ħerqa kbira, biex jekk xi ħadd mill-Fidili jkun irid jibnilhom Oratorji fil-Parroċċi tagħkom, biex hekk jgħinhom fil-ħidma tagħhom, billi huma jfittxu l-ġid tal-erwieħ u dak kollu li jaqbel għas-salvazzjoni tagħhom, intom għandkom benevolment tagħmlu magħhom dan il-favur, u għandkom tagħtuhom permess biex jagħmlu dan bil-libertà kollha, sabiex bil-permess tal-Ministru Provinċjal huma jibagħtu irġiel li jistħoqqilhom biex ixandru l-Kelma ta' Alla fil-Parroċċi tagħkom. Aħna rridu wkoll li ma jistgħux jaċċettaw Dieċmi, l-Ewwel Frott, jew offerti oħrajn, u lanqas ma jkollhom dfin Ekkleżjastiku jekk huma ma jkunux Patrijiet ta' dan l-Ordni li semmejna. Irridu wkoll li, kull meta tiġu mitlubin, intom għandkom taraw li jitbierku ċ-ċimiterji li s-Sede Apostolika tagħtihom għall-użu tagħhom; intom ma għandkomx torbtuhom b'xi interdett, u lanqas ma għandkom tippubblikaw xi sentenza ta' skomunika, mingħajr il-kmand speċjali tas-Sede Apostolika. Intom għandkom tħarsu dan il-kmand u preċett li qegħdin nagħtukom, biex hekk tagħtu xhieda li tridu ġġibu 'l quddiem il-ġid ta' dan l-Ordni. Jalla tkunu intom li tagħmluna favorevoli u twajbin lejkom sabiex aħna ma nkunux imġegħelin li nipprovdu xorta oħra f'dan il-qasam.

Mogħti f'Perugia, fil-*Kalendae* ta' Frar, it-Tielet Sena tal-Pontifikat tagħna."

Il-Bulla ntbagħtet lil Raynerio, Patrijarka ta' Antjokja u lill-Patrijarka ta' Ġerusalemm, u għandha l-iskop li tiddefendi d-drittijiet tal-Ordni tal-Patrijiet Minuri fl-istess linja ta' privileġġ li kienet ġiet mogħtija mis-Sede Apostolika sa mill-1224, meta kien għadu ħaj San Franġisk, u meta l-Papa Onorju III ta l-fakultà lill-Patrijiet Minuri li jkollhom Oratorji tagħhom għar-reċita tal-Uffiċċju Divin u għaċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa (ONORJU III, Bulla *Quia populares tumultus* [3 ta' Diċembru 1224]).

L-istoriku Franġiskan tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa, patri Girolamo Golubovich, *Biblioteca Bio-Biografica della Terra Santa e dell'Oriente Cristiano*, Tomo I (1215-1300), Quaracchi 1906, 158-160, jirrakkonta l-istorja ta' kif il-Franġiskani daħlu għall-ewwel darba f'Ġerusalemm fl-1229, tliet snin biss wara l-mewt ta' San Franġisk.

Diġà rajna kif, fl-1217 San Franġisk kien waqqaf il-Provinċja tas-Sirja jew *Oltremare*, u li l-ewwel ministru provinċjal tagħha kien fra Elia fil-kunvent ta' Akri. Fis-sena 1229 l-Imperatur Federiku II irnexxielu jasal għal ftehim mas-Sultan tal-Eġittu al-Malik al-Kamil, bi skop li jieqaf il-ġlied bejn Kristjani u Misilmin għal perjodu ta' 10 snin. L-Imperatur kellu interessi kummerċjali mal-Eġittu. Min-naħa tiegħu, il-Papa Girgor IX (1227-1241) kien talab lill-Imperatur biex jorganizza Kruċjata oħra wara l-falliment tal-ħames Kruċjata. Il-fatt li l-Imperatur ma tax kas tal-Papa, anzi għamel ftehim diplomatiku mas-Sultan tal-Eġittu, wassal lill-Papa Girgor IX biex jiddikjara skomunika fuq l-Imperatur.

Il-ġest tal-Imperatur, għalkemm kien wieħed ta' diżubbidjenza lejn l-awtorità tal-Papa, kellu l-lat pożittiv tiegħu. Fil-fatt, bħala rikonoxximent tal-waqfien mill-ġlied, is-Sultan tal-Eġittu offra li jċedi lill-Kristjani l-belt ta' Ġerusalemm, ħlief il-*Haram ash-sharif* jew ir-reċint qaddis li fih il-Misilmin għandom il-Moskea ta' Al-Aqsa u l-Koppla tal-Blata, kif ukoll il-Postijiet Qaddisa ta' Betleħem u Nażaret.

F'Marzu 1229 l-Imperatur Federiku II daħal Ġerusalemm u nkuruna lilu nnifsu Re ta' Ġerusalemm fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu. Sadanittant hu kien diġà wasal Akri fis-7 ta' Settembru 1228 fejn ġie milqugħ mill-Patrijarka ta' Ġerusalemm u l-Gran Mastri tal-Ordni tat-Templari u tal-Ordni tal-Ospedalieri (Kavallieri ta' San Ġwann). Imma fl-istess żmien żewġ Franġiskani kienu waslu Akri u ġabu magħhom l-ittra tal-Papa Girgor IX li fiha ddikjara skomunikat lill-Imperatur. B'hekk l-Imperatur ma sabx aktar appoġġ. Malli ddikjara lilu nnifsu Re ta' Ġerusalemm hu ikkastiga bl-aħrax lill-Franġiskani u mbagħad telaq lura lejn l-Ewropa.

B'hekk fl-1229 il-Patrijarka ta' Ġerusalem Gerald ta' Lausanne (1225-1239),



*San Franġisk mas-Sultan Al-Kamil 1219*



*Ricoldo di Montecroce mal-Papa Nikola IV*

flimkien mal-kleru, ħa l-okkażjoni tal-waqfien tal-ġlied biex reġa' daħal fil-Belt il-Qaddisa f'Marzu 1229. L-istoriku Matteo Paris jikteb li l-Patrijarka reġa' ħa l-pussess tal-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, li kienet ilha magħluqa mill-1187, kif ukoll ta' diversi proprjetajiet oħrajn li qabel kellu l-Patrijarka Latin fi żmien il-Kruċjati. Paris ma jagħtina l-ebda ħjiel li mal-Patrijarka waslu Ġerusalemm il-patrijiet minuri. Imma nafu minn fonti oħrajn storiċi li l-Franġiskani daħlu wkoll f'dan iż-żmien.

Fil-fatt nafu li, fl-1 ta' Frar 1230, il-Papa Girgor IX kien indirizza l-Breve *Si ordinis Fratrum Minorum* lill-Patrijarka ta' Antjokja Alberto de Rezato (1226-1245) u lill-Patrijarka ta' Ġerusalemm Gerald. F'dan id-dokument il-Papa jitkellem dwar li l-Franġiskani kienu diġà preżenti f'Ġerusalemm f'dik is-sena. B'hekk nafu li, almenu fl-1229, il-patrijiet minuri kienu qed joqogħdu f'Ġerusalemm. Dan id-dokument juri li l-Papa ried li l-isqfijiet jirrispettaw id-dritt tal-patrijiet Franġiskani li jkollhom oratorji u kunventi li fihom setgħu jitolbu u jgħixu fil-ġurisdizzjoni ta' dawn l-istess isqfijiet, partikolarment tal-Patrijarki ta' Antjokja u Ġerusalemm.

Dan id-dokument papali hu l-eqdem xhieda li għandna f'idejna li turina li l-Franġiskani kienu ċertament preżenti fil-Belt il-Qaddisa ta' Ġerusalemm fl-1229, tliet snin biss wara l-mewt ta' San Franġisk, u li kienu fost id-diversi reliġjużi u prelati li kienu reġgħu lura f'Ġerusalemm waqt dan il-perjodu qasir ta' waqfien mill-ġlied miftiehem bejn Federiku II u s-Sultan al-Malik al-Kamil.

Il-mistoqsija li tiġina hi: fejn kien l-ewwel kunvent tal-Franġiskani f'Ġerusalemm? Nafu li, fl-era Kruċjata, l-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu kienet uffiċjata mill-Patrijarka Latin u l-Kanoniċi Regolari ta' Santu Wistin, u li għalhekk x'aktarx li huma reġgħu daħlu fil-pussess tal-Bażilika matul dan il-perjodu qasir. Id-dokumentazzjoni storika tal-preżenza tal-Franġiskani f'Ġerusalemm f'dan il-perjodu teżisti u hi prova li huma kienu daħlu jgħixu fil-Belt il-Qaddisa.

Meta jiddeskrivi l-Via Dolorosa waqt iż-żjara tiegħu f'Ġerusalemm (1288-1291), id-Dumnikan Ricoldo di Montecroce jitkellem dwar il-post li fih is-suldati li kienu jwasslu lil Ġesù għall-mewt ġiegħlu lil Xmun minn Ċireni biex iġorr is-salib. Hu jsemmi dan il-post bħala salib it-toroq bejn it-triq ta' Ġosafat (illum il-Via Dolorosa) u t-triq li tiġi mill-Bieb ta' San Stiefnu (illum magħrufa bħala al-Wad). "Maġenb dan il-post hemm id-dar (*locus*) li qabel kienet proprjetà tal-Patrijiet Minuri" (Denys

Pringle, *The Churches of the Crusader Kingdom of Jerusalem. A Corpus*. Volume III: *The City of Jerusalem*, Cambridge University Press, 2010, No. 290, p. 97).

Ricoldo jikteb xi 50 sena wara l-ġrajja tal-qerda ta' Ġerusalemm mit-Torok Kwareżmjani fl-1244, meta spiċċat il-preżenza tal-Kristjani u tal-Franġiskani mill-Belt il-Qaddisa, u għalhekk it-tifkira kienet għadha friska. Hu ċertament jitkellem mill-perjodu bejn l-1229 u l-1244, meta Ġerusalemm kienet f'idejn il-Latini (Kattoliċi) waqt il-ftehim bejn l-Imperatur Federiku II u s-Sultan tal-Eġittu. Kif rajna, din il-preżenza kienet possibbli għax il-Papa Girgor IX kien talab lill-Patrijarki ta' Antjokja u Ġerusalemm biex iħallu lill-Franġiskani jkollhom oratorji u kunventi fil-parroċċi tal-kleru, bil-patt li l-patrijiet jirrispettaw id-drittijiet tal-istess kleru. Golubovich jgħid li f'dan il-kunvent għex ċertu patri Aridizio Corradi (1230-1234) li reġa' lura l-Italja u miet f'Senigallia f'Novembru 1235 (Golubovich, *Biblioteca*, Tomo II, 291-291, no. 28).

Ma nafu xejn dwar dan il-kunvent u lanqas il-post eżatt fejn seta' kien. Il-kunvent ġie ċertament abbandunat fl-1244 meta t-Torok Kwareżmjani invadew Ġerusalemm u għamlu massakru mill-Kristjani. Madankollu l-*Chronicon Sampetrinum* III, in *Itinera Hierosolymitana Crucesignatorum (saec. XII-XIII)*, ed. Sabino de Sandoli, Studium Biblicum Franciscanum, *Collectio Maior* XXIV, 1978-1984, Vol. IV, 82, isemmi l-Franġiskani li kienu preżenti fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu fiċ-ċerimonja tal-*Fuoco Sacro* f'Sibt il-Għid tal-1267-68.

L-istoriku Golubovich kien kiteb fl-1898 (*Serie cronologica dei Superiori della Terra Santa*) li fl-1240 kien hemm żewġ Patrijiet Minuri juffiċjaw fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu. Imma l-istess storiku mbagħad skopra li l-manuskritt li kien ikkonsulta kien skorett u li din il-possibilità ta' preżenza Franġiskana fil-Qabar ta' Kristu fis-seklu 13 ma hix sostenibbli.

Il-problema tal-post eżatt fejn kien l-ewwel kunvent tal-Franġiskani f'Ġerusalemm tirrigwarda l-fatt li l-istazzjon li llum jimmarka l-laqgħa ta' Ġesù li jġorr is-salib ma' Xmun minn Ċireni hu kappella ċkejkna li ilha proprjetà tal-Franġiskani mill-1850. B'hekk il-post oriġinali hu mitluf, għalkemm kien ċertament jinsab f'din iż-żona. Fil-Medjuevu l-pellegrini kienu jfakkru l-laqgħa ta' Ġesù maċ-Ċirenew fil-kantuniera bejn it-triq ta' Ġosafat (illum il-Via Dolorosa) u t-triq al-Wad, fejn illum hemm l-Austrian Hospice fuq naħa u moskea faċċata. Imma dan il-post hu llum marbut mat-tielet u r-raba' stazzjonijiet tal-Via Crucis, filwaqt li l-kappella tal-Franġiskani tinsab ftit passi aktar 'l isfel, fejn minn triq al-Wad wieħed idur lejn il-lemin u jibda tiela' l-Via Dolorsa.

# ITTRA TAL-PAPA FRANĠISKU FL-OKKAŻJONI TAT-800 SENA TA' PREŻENZA FRANĠISKANA FL-ART IMQADDSA



***Lir-Reverendissimu Patri Francesco Patton OFM, Kustodju tal-Art Imqaddsa***

Sirt naf bil-ferħ li din il-Kustodja, fl-okkażjoni tat-800 sena ta' preżenza Franġiskana fl-Art Imqaddsa, riedet tiċċelebra din ir-rikorrenza importanti u hienja b'ħafna inizjattivi reliġjużi, pastorali u kulturali, kollha orjentati għar-riskoperta tal-kontribut uniku u ta' min ifaħħru tal-"patrijiet tal-ħabel" – kif laqqmuhom in-nies – fil-postijiet li fihom l-Iben ta' Alla sar bniedem u ġie jgħammar fostna (cfr. Ġw 1,14). F'din l-okkażjoni jiena bil-ferħ kollu aċċettajt li nibgħat tislija speċjali lilek u lill-patrijiet kollha, li hemmhekk għadhom iżommu ħajja x-xhieda Kristjana, jistudjaw l-Iskrittura u jilqgħu l-pellegrini.



Patri Francesco Patton

Il-Missier Serafiku Franġisku, fil-Kapitlu ta' Pentekoste ta' Mejju 1217, fetaħ l-Ordni għad-dimensjoni "missjunarja u universali", billi bagħat lill-patrijiet tiegħu fil-ġnus kollha bħala xhieda ta' fidi, ta' fraternità u ta' paċi u hekk inħolqot il-Provinċja tal-Art Imqaddsa, li fil-bidu kienet tissejjaħ ta' *Oltremare* jew tas-Sirja. Dan it-twessigħ tal-orizzonti ta' evanġelizzazzjoni kien il-bidu ta' avventura straordinarja, li wasslet tmien sekli ilu l-ewwel patrijiet Minuri biex jisbarkaw f'Akri, fejn fil-11 ta' Ġunju li għadda intom tajtu bidu għaċ-ċelebrazzjonijiet ċentenarji, billi ġeddidtu l-għaqda tagħkom ma' Kristu, fil-fedeltà lejn il-Vanġelu u lejn il-Knisja.

Mogħtija għall-kontemplazzjoni u għat-talb, sempliċi u foqra, ubbidjenti għall-Isqof ta' Ruma, intom timpenjaw irwieħkom ukoll fil-preżent biex tgħixu fl-Art Imqaddsa flimkien mal-aħwa ta' diversi kulturi, etniji u reliġjonijiet, filwaqt li tiżirgħu l-paċi, il-fraternità u r-rispett.

Kulħadd jaf bid-disponibilità tagħkom li takkumpanjaw il-passi tal-pellegrini li jiġu mill-partijiet kollha tad-dinja billi tilqgħuhom u tiggwidawhom. Intom iddedikajtu rwieħkom għall-istudju attent tal-Kotba Mqaddsa, billi tgħożżu l-affermazzjoni ċelebri ta' San Ġilormu, li għal diversi snin kien irtirat f'Betleħem: "L-injuranza tal-Kotba Mqaddsa hi injuranza ta' Kristu nnifsu" (*Kummentarju tal-Prologu ta' Isaija*: PL 24,17).

Ma rridx ninsa wkoll, u fuq kollox, li barra mill-Kustodja u l-animazzjoni tas-Santwarji, l-impenn tagħkom hu wkoll għas-servizz tal-Komunità ekkleżjali lokali. Jiena ninkuraġġikom biex tipperseveraw ferħanin biex tkomplu twieżnu lil dawn ħutna, l-aktar lil dawk fosthom li huma foqra u l-aktar dgħajfin; fl-edukazzjoni taż-żgħażagħ – li ta' spiss jirriskjaw li jitilfu t-tama f'kuntest li fih għad ma hemmx paċi - filli tilqgħu lill-anzjani u fil-kura tal-morda, filwaqt li tgħixu b'mod konkret u ta' kuljum l-għemejjel ta' ħniena.

Ningħaqad mal-Predeċessuri meqjumin tiegħi, sa minn Klement VI, li bil-Bulla *Gratias agimus* fdalkom il-Kustodja tal-Postijiet Qaddisa, u nixtieq inġedded dan il-mandat, filwaqt li ninkuraġġikom li tkunu xhieda ferrieħa tal-Irxuxtat fl-Art Imqaddsa.

Intom ambaxxaturi tal-Poplu kollu ta' Alla, li bil-liberalità dejjem sostniekom, speċjalment permezz tal-"Ġabra tal-Art Imqaddsa", li tikkontribwixxi biex fl-Art ta' Ġesù l-fidi tidher b'mod ċar permezz tal-opri. B'mod speċjali ssostnikom, f'isem is-Suċċessur ta' Pietru, l-Kongregazzjoni għall-Knejjes Orjentali, li f'dawn l-istess ġranet qed tiċċelebra ċ-ċentenarju tagħha.

Fl-aħħarnett nixtieq infakkarkom fil-kliem tal-Fundatur tagħkom: "Nagħti wkoll il-fehma tiegħi, inwiddeb u nħeġġeġ lill-aħwa tiegħi f'isem il-Mulej Ġesù Kristu li, meta joħorġu fid-dinja, ma jitlewmux lanqas iħaqquha bejniethom, lanqas ma għandhom jiġġudikaw lill-oħrajn; imma għandhom ikunu ta' qalb tajba, iħobbu s-sliem u rżina, ġwejda u umli, jitħaddtu meqsjus ma' kulħadd kif jixraq (*Regola bollata*, 3,10-11).

Nafda l-Kustodja tal-Art Imqaddsa, kull waħda mill-komunitajiet tagħha, u l-patrijiet kollha lill-protezzjoni materna tal-Verġni Marija u, filwaqt li nitlob l-interċessjoni tal-patrun qaddis tagħkom Antnin ta' Padova, nagħtikom bil-qalb kollha l-Barka Apostolika.

**Mill-Vatikan,**
**17 ta' Ottubru 2017**

**Francesco**



# L-ILBIES FIL-BIBBJA

*Fr Charles Buttigieg*

*"Kunu mela weqfin, ġenbejkom imħażżmin bil-ħżiem tas-sewwa u lebsin il-kurazza tal-ġustizzja, riġlejkom mixdudin bil-qorq tal-ħeġġa tal-Evanġelju tal-paċi, bit-tarka tal-fidi dejjem f'idejkom, li biha tistgħu titfgħu l-vleġeġ tan-nar tal-Ħażin, aqbdu l-elmu tar-rebħa u s-sejf tal-Ispirtu, li hu l-Kelma ta' Alla" (Efesin 6:14-17).*



## In-Natura tal-Ilbies

L-ilbies jinteressa lill-etnoloġi, soċjoloġi, psikoloġi u fuq kollox il-moralisti tal-Knisja. L-evoluzzjoni tal-ilbies matul l-istorja tad-dinja mill-ġrajja tal-Eden (ara Ġenesi 3:7) narawha marbuta ma' diversi neċessitajiet marbuta mal-klima, staġuni, moralità, reliġjon u anke 'status'. Iżda matul l-istorja l-bniedem ċivilizzat stabilixxa l-użu tal-ilbies għal dawn it-tliet raġunijiet prinċipali: għal raġunijiet fiżiċi (bħal iġjene u saħħa), għad-diċenza u għad-dekorazzjoni. Dawn it-tliet raġunijiet huma tliet neċessitajiet li joħorġu mill-stess natura tal-bniedem u nsibuhom kważi f'kull razza u fit-tribujiet differenti fid-dinja. Sfortunament il-kultura moderna, dik edonista u l-moda fl-ilbies jippreżentawlna lill-bniedem bħala oġġett fejn il-ġisem tal-bniedem sar strument ta' pjaċir bil-konsegwenza li qegħdin naraw diversi ndiċenzi fl-ilbies tal-bniedem.

## Ilbies Bibliku Prinċipali

Huma diversi dawk il-kulturi li jsawru l-istorja tas-salvazzjoni. Kull kultura hija mogħnija bl-ilbies tipiku tagħha bħal per eżempju: ilbies Semitiku, ilbies Eġizzjan, ilbies Grieg u dak Ruman. L-ilbies fid-dinja biblika huwa ġeneralment magħmul mis-suf tal-annimali speċjalment tan-ngħaġ u tal-mogħoż, kif ukoll f'xi każijiet bħal tal-Battista mix-xagħar iktar oħxon u iniggeż tal-ġemel (ara ukoll Żakkarija 13:14), mill-ħarir, mill-ġilda tal-annimali u mill-qoton. Fl-Antik Testment insibu diversi termini għall-ibies bħal; *cadhin*, *simlah*, *salmah*, *'ezor*, u fil-Ġdid Testment insibu termini Griegi bħal: *himation* (ara Mt 21,7; Mt 24,18; Mt 26,65 u Lq 8,27) u *enduma* (ara Mt 22,11).

Bħala ħwejjeġ meqjusin 'ta' taħt' insibu l-*'ezor* (bil-Malti għandna: 'lożor') jew *hagor* li kien magħmul minn drapp abjad irqiq u ħafif. Ħafna drabi dawn kienu jikkonsistu minn sempliċi fardal (bl-Ebrajk *chaluq*, bil-Latin *semicinctium*) imlibbes mill-qadd 'l isfel. L-iskop tiegħu kien dak ta' iġjene personali. Ħafna drabi l-ħaddiema kif naraw fil-każ ta' Pietru x'ħin kien jistad, kellhom dan il-ftit ħwejjeġ fuqhom waqt ix-xogħol. Fuq dawn il-ħwejjeġ ħfief kien ikun hemm it-tunika jew aħjar libsa twila ħafifa, bl-Ebrajk: *kethoneth* jew *kuttoneth* jew dik ftit differenti bil-kmiem il-*cadhin*, waqt li dik iktar eleganti kienet tissejjaħ *sadhin*, bil-Latin *camisa*, bil-Malti 'qmis', bis-Sirjak *kamis*. Din kienet tkun minsuġa biċċa waħda minn fuq s'isfel. It-tunika ta' Ġużeppi tal-Antik Testment iben il-Patrijarka Ġakobb, kienet magħmula minn ħafna kuluri kif insibu f'Ġenesi 37:3. Fil-Ġdid



Testment fl-Atti 9:39 insibu lil Tabitha jew Dorkas li kienet tħit it-tuniċi u l-ilbies għar-romol. Fil-Passjoni ta' Kristu għat-tunika tiegħu, tefgħu x-xorti fuqha, biex iseħħ il-kliem tas-salmista: "Ħwejġi qasmu bejniethom, u għall-ilbies tiegħi tefgħu x-xorti" (Gw 19:24 u Salm 22:16-18). Din t-tunika, bil-Grieg: *chiton*, li kienet tmiss kważi mal-ġisem ta' Kristu hija s-simbolu tal-għaqda profonda u spiritwali tal-Knisja.

Bħala ħwejjeġ ta' fuq insibu l-libsa ta' fuq, magħmula minn suf oħxon jew mantell kbir, bl-Ebrajk: *simlah* jew *salmah* u bil-Grieg *himation*. Din kienet tikkorrispondi għall-*pallium* tar-Rumani. Bil-Grieg imsejħa *periblemata*, għaliex kienet proprju mitfugħa fuq il-ġisem. Din kienet ukoll tintuża bħala kutra ħalli ttaffi mill-ksieħ ta' matul il-lejl, speċjalment meta it-temperaturi bil-lejl kienu jinżlu fid-deżert. Bartilmew l-agħma ta' Ġeriko, proprju meta jisma' b'Ġesù jtajjar il-mantell, l-iktar ħaġa importanti li kellu bħala raġel fqir, u jaqbeż u jqum biex jiltaqa' ma' Ġesù, kif naraw f'Mark 13:16. Fost ħwejjeġ ta' fuq iktar nobbli nsibu l-*addereth* u l-*ma'atafah*, fejn kien jispikka l-kulur tal-vjola, tal-porpra. Fi żmien ta' luttu u ta' vistu, li fil-kultura Semitika jintuża l-kulur abjad, kien ukoll jintlibes il-ħżiem jew ċintorin, bil-Grieg *zone* u bl-Għarbi *zunnar* kien magħmul minn drapp tax-xagħar imsejjaħ *sak*. Il-ħżiem tal-qassis il-kbir kien magħmul minn ħarir fin imsejjaħ *ephodh*.

## Simboliżmu tal-Ilbies

Insibu ukoll ilbies biex jgħatti ir-ras u l-wiċċ mis-sħana u mir-riħ, speċjalment mir-ramel fid-deżert. Dan it-turban bl-Ebrajk jissejjaħ *tsaniph*, li litteralment ifisser 'iddawwar'. Kien ukoll jintlibes maktur fir-ras imsejjaħ *sudarium* li kien jinżel mal-għonq. Fil-qabar vojt ta' Kristu dan il-maktur kien instab għalih waħdu, maqtugħ mill-faxex. Bħala velu, bl-Ebrajk: *mitpahath*, għall-mara nsibuh f'Isaija 3:23; 62,3 u Żakkarija 3:5. Mosè għatta wiċċu mid-dehra tal-glorja ta' Alla kif insibu fil-ktieb tal-Eżodu 34:33.

Għalkemm ħafna drabi l-Lhud ma kienu jilbsu xejn f'saqajhom, kienu iżda jeżistu xi sandlijiet, bl-Ebrajk: *na'alayim*, magħmulin mill-ġild tal-annimali (ara Eżodu 12:11 u Dewt 29:5). Is-sandli kien juri ċerta awtorità u meta wieħed ineħħi is-sandli minn saqajh dan kien jagħmlu biex jirrispetta





dak li hu sagru. L-ilbies tal-qassis il-kbir, bl-Ebrajk *bigdei kodesh*, kien jikkonsisti fi tmien elementi li huma l-*michnasayim*, it-tunika *ketonet*, *avnet* u turban *mitznefet*, il-libsa *meil*, *ephod*, *hoshen* u plakka tad-deheb fuq it-turban. Ilbies reliġjuż ieħor kien jikkonsisti fil-*zizit* u t-*tefillin*.

Anke l-ilbies sempliċi tal-Battista jesprimi ukoll l-istess missjoni tiegħu, fejn il-ħżiem tal-ġild madwar qaddu, *cintura*, huwa simbolu tal-verità tal-leħen tiegħu u l-qorq juri l-umiltà fil-missjoni tiegħu, li jiċċekken huwa biex jikber Kristu.

## Bibliografija


Edwards, D.R., "Dress and Ornamentation", in *Anchor Bible Dictionary* 2, 232-238.

Malina, B.J., *The New Testament World. Insights from Cultural Anthropology*, Louisville (KY) 1993.

Pilch, J.J., *The Cultural Dictionary of the Bible*, Collegeville (MN) 1999.

Pilch, J.J., *Introducing the Cultural Context of the Old Testament*, New York 1991.

Shwarz, R.A., "Uncovering the secret vice: Toward and anthropology of clothing", in *The Fabrics of Culture: The anthropology of clothing and adornment*, The Hague 1979.

Stillman, Y.K. et als., "Costume in the Middle East", in *MESA Bulletin* 26 (1992) 12-38.

Thompson, W., "Weaving: A man's work", in *Classical World* 75 (1982) 217-222.

Weiner, A.B., et als, *Cloth and the Human Experience*, Smithsonian Institution Press, London 1989.

# L-OMM TAL-MAKKABIN (4)



*Mons Lawrenz Sciberras*

It-tieni ktieb tal-Makkabin joffri ġrajja tassew memorabbli mimlija kollha tbatijiet ħorox ma' u lejn nies innoċenti. Dan huwa r-rakkont tal-martirju tas-seba' aħwa fejn dawn ġew kkonfortati mill-preżenza kuraġġjuża tal-omm tagħhom stess. Din l-omm għamlitilhom il-qalb biex ma jiksrux il-Liġi tal-Mulej (2 Mak 7,1-41) minkejja t-torturi li għaddew minnhom uliedha! Din it-tifkira tal-omm erojka baqgħet stampata fil-moħħ u fil-qalb tal-ġenerazzjonijiet futuri.

Prova ta' dan qiegħda fir-IV Ktieb tal-Makkabin. Dan huwa ktieb apokrifu li nkiteb matul l-ewwel seklu wara Kristu probabbilment f'Antijokja tas-Sirja. Dan sar għaliex il-kult tal-martri Makkabin kien għadu ħaj ħafna kemm fost il-Lhud kif ukoll fost il-Lhud-Insara. L-omm ta' dawn is-sebat aħwa tiġi mfakkra bħala omm ta' nazzjon, ħarriesa tal-Liġi, u difiża tal-pietà, omm qaddisa u li tibża' minn Alla. Omm li tissara għal Alla b'għan qaddis ta' mħabba.

## Il-martirju

Meta lil uliedha ressquhom quddiem it-tirann Antijoku Epifanu IV, dik il-bint denja ta' Abraham ftakret fil-qawwa tiegħu, u għalhekk kebbset il-kuraġġ f'uliedha tant li ħajrithom biex ma jibżgħux mill-mewt, anqas ma jibku qishom li kienu fil-mument tal-mewt. Għall-kuntrarju, imqawwijin b'fidi sħiħa l-omm ħajrithom biex jaffrontaw il-mewt bħala kumpliment lejn "missirijiethom". Meta għamlet hekk, hija kienet qiegħda tiġġenera għal darb'oħra lil uliedha imma din id-darba għal ħajja immortali.

Dejjem biex tkompli tagħmel il-qalb lil uliedha fost l-oħrajn, l-omm kompliet: "La tinsewx li kienet grazzja ta' Alla li intom ġejtu f'din id-dinja u rċevejtu l-ħajja. Għalhekk intom għandkom tkunu lesti tissaportu kull piena, dejjem għal istess Alla. Għalih Abraham missierna ma ħasibhiex biex jissagrifika lil Iżakk, patrijarka tan-nazzjon tagħna. Hekk ukoll Iżakk kif ra lil missieru jerfa' s-sikkina xejn ma beża'. Danjel il-ġust ġie mogħti b'qawwa kollha lill-iljuni. Hananija, Ażarija, u Misael ġew mixħutin fil-forn tan-nar u ssaportew il-prova biex jogħġbu lil Alla.

Mela intom ukoll, fil-waqt li għandkom l-istess fidi ta' Alla, la tibżgħux. Intom li ġejtu mgħallma fil-pietà, jekk ma tirreżiżtux it-turmenti tkunu qegħdin tagħmlu xi ħaġa kontra r-raġuni tal-fidi tagħna. Meta l-omm tkellmet hekk, hija kienet qed tfakkar lil



uliedha f'dak kollu li huma kienu tgħallmu meta kienu għadhom żgħar id-dar. Difatti kompliet l-omm, meta missierkom kien għadu d-dar huwa għallimkom il-Liġi u l-Profeti. Huwa qalilkom kif Kajjin qatel lil ħuh Abel, kif Iżakk kien se jiġi offrut debħa lil Alla u kif Ġużeppi ġie mixħut il-ħabs fl-Eġittu u dan għaliex ma kisirx il-liġi ta' Alla.

Missierkom fakkarkom fil-ħeġġa li kellu Finħas, għallimkom kif Hananija, Ażarija u Misael ġew mixħutin fin-nar; Danjel fil-fossa tal-iljuni faħħar lil Alla. Hawn Danjel talab bi kliem il-profeta Isaija: "Anki jekk tgħaddi min-nar, ma tinħaraqx, u l-fjamma ma tibgħelekx" (Is 43,2). Huwa għanna kliem is-Salm 34,20: "Kbar huma l-ħsarat tar-raġel sewwa". Kompla jikkwota kliem il-proverbju: "Il-Għerf hu siġra tal-ħajja għal min iħaddnu" (Prov 3,18). Fuq kollox Danjel b'qawwa kbira ftakar fi kliem id-Dewteronomju: "Jien immewwet u jiena naħji. Jiena nidrob u jiena nfejjaq." (Dt 32,39).

## Omm erojka

Fi kliem ta' din l-omm erojka, l-awtur tar-IV ktieb tal-Makkabin wera fil-beraħ is-sentimenti li l-poplu Lhudi tal-ewwel seklu kien tant jgħożż f'qalbu. Dan kien iħossu qisu l-fidwa tiegħu stess u sabiex din it-tama tkompli dejjem aktar tissaħħaħ nies ta' din il-kwalità tgħallmu numru ta' passi mill-Iskrittura: Is 43,2; Salm 34,20; Prov 3,18; Dt 32,39. Dawn l-eżempji jdommu fihom kuruna li jsaħħu t-tamiet eskatoloġiċi ta' Israel tama li dan il-poplu tant kien jistenna bil-ħerqa. Insemmu lil: Abel, Abraham, Iżakk, Ġużeppi, Danjel, Hananija, Ażarija, Misael u oħrajn.

## Xebh bejn l-ommijiet

Jeżiżti xebh qawwi bejn omm ulied tal-Makkabin u Marija omm Ġesù. Din kompliet il-missjoni tagħha ħdejn is-salib (Ġw 19,25). Meta Marija kienet qed tara lil binha jsofri u jintemm bħal vittma tas-sagrifiċċju tal-ħruq, mela olokawst, għandna nikkonkludu li



Marija ftakret mill-ġdid f'dawk il-mumenti mdallma tal-istorja ta' missirijietha. Hija saret taf b'dawn l-istejjer grazzi għat-tagħlim li hija kellha kemm damet fit-tempju; kif ukoll għall-kontemplazzjoni assidwa tal-Iskrittura. Marija saret taf sew li Alla bosta drabi ħall il-ktajjen tal-ġusti, bosta drabi, dejjem biex juri l-qawwa tiegħu, huwa niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom u għolla liċ-ċkejknin (Lq 1,52).

Il-fidi ta' Marija kienet tixbah lil dik ta' Ġuditta, meta din kienet tagħmel kuraġġ lill-aħwa biex dawn jittamaw dejjem f'Alla ta' Abraham (Ġud 8,17.26-27). Issa jekk Alla fl-imgħoddi ħadem b'dan il-mod, issa wkoll jista' jwettaq il-wegħda li Ġesù għandu jqajjimhom mill-mewt: "Alla kellu s-setgħa saħansitra li jqajjem mill-mewt" (Lhud 11,19). Hekk kif għamlet l-omm tal-Makkabin, Marija wkoll assoċjat ruħha mas-sagrifiċċju – offerta – tal-Iben tagħha, fejn sabet l-għajnuna mill-Mulej (2 Mak 7,20).

Marija meta fil-bidu ngħaqdet ma' binha vittma ġġenerat lil Ġesù fuq il-Kalvarju. Din l-affermazzjoni mhix xi ħaġa li tista' żżommha jew le. Huwa sewwa magħruf li l-missjoni ta' omm lejn l-ulied proprji tagħha ma tafx b'limiti. Hija tifrex dan kollu għal matul il-ħajja



kollha tal-ulied. Mgħaddsin fi Kristu rxoxtat, l-ommijiet tagħna jipperfezzjonaw iċ-ċaħda sħiħa tagħhom infushom lejn uliedhom.

Għalhekk ma jibqax dubju li Marija għenet lil Ġesù biex jaċċetta u jgħix il-mewt tiegħu f'armonija u għaqda mar-rieda tal-Missier. Fil-waqt li kien qed jara lil ommu maġenbu (Ġw 19,26-27), l-umanità ta' Ġesù, imkissra minn dik t-traġedja tal-waħx, żgur li ġiet ikkonfortata mill-preżenza ta' dik l-omm.

Il-konsolazzjoni tal-Missier ċelesti (Ġw 16,32) għaddiet mill-qalb ta' dik l-omm hawn fuq l-art. F'dik is-siegħa li Ġesù nnifsu xebbahha mal-uġigħ tal-ħlas (Ġw 16,21-22), Marija eżerċitat il-qawwa materna fuq l-Iben iġġenerat minnha stess. Il-fatt li Marija ġġenerat b'mod verġinali bl-opra tal-Ispirtu s-Santu, tassew li hija sebqet u ssuperat l-omm tal-Makkabin, setgħet tistqarr li ma tafx kif huwa deher fil-ġuf tagħha (2 Mak 7,22). Issa fl-aqwa ta' dik d-diqa ta' qalb mibdula mill-fidi, kompliet tiġġenera 'l Iben lejn il-ħajja tal-glorja u lejn il-qawmien immortali.

Mela l-omm tal-Makkabin u omm Ġesù: żewġ ommijiet, żewġ nisa li ngħaqdu flimkien fl-offerta vittma ta' wliedhom! Biss dawn it-tnejn ġew megħjunin mill-fidi ta' missirijiethom, fidi li ma tqarraqx, fidi li hija msemmija bil-qawwa kollha fl-ittra lil-Lhud fil-kapitlu 11.

Hawn issa sewwa li nfakkru f'dak li kiteb ir-Rabbi David Flusser ta' Ġerusalemm dwar Ġesù: "Ġesù, wieħed minn numru bla għadd ta' Lhud li kellhom jimxu t-triq tal-martirju. Marija wkoll tidħol fost in-numru bla għadd ta' ommijiet Lhud li jibku lil uliedhom maqtulin b'mod l-aktar krudili. Illum ukoll, jiena naf personalment minn dawn l-ommijiet Lhud, mhux biss lil dawk li tilfu lil uliedhom fil-qtil tal-massa fl-Ewropa fit-Tieni Gwerra, imma lil dawk wkoll li proprju hawn fl-art ta' Marija, jibku biki li ma jintefiex lil uliedhom, subien, li hawn u issa tilfu ħajjithom minħabba l-mibegħda għamja kontra l-Lhud.

Naħseb ukoll li tista' ma tkunx ħaġa ħażina, jekk ma ninsewx għal kollox ukoll l-aħwa bniet ta' Marija skont il-ġisem. Mit-tbatijiet tagħhom tiġi mqaddsa it-tbatija tal-bnedmin. Jekk kemm il-darba dan kollu jiġi maħsub dwar Marija, dan is-sentiment jisboq u jgħaddi il-fruntieri kollha konfessjonali. Hekk allura t-tifkira tal-omm safja ta' Ġesù tista' tħassar almenu parti mit-tniġġis tal-bniedem modern.





# IL-ĠUSTIFIKAZZJONI FIL-FIDI F'SAN PAWL

***Fr Marcello Ghirlando***

*Għadhom kif għalqu ċ-ċelebrazzjonijiet li fakkru il-ħames mitt sena mir-Riforma mwettqa minn Martinu Luteru. Kienet it-tema tal-Ġustifikazzjoni fil-Fidi li firdet għal sekli l-Kattoliċi mir-riformaturi. Nixtieq li f'dan l-artiklu niġbor flimkien x'temmen il-Knisja Kattolika dwar il-Ġustifikazzjoni fil-fidi billi niġbor hawn taħt, f'traduzzjoni u adattament, l-ideat ippreżentati mill-Papa Benedittu XVI f'żewġ Udjenzi Ġenerali (19 u 26 ta' Novembru) tas-sena 2008.*

## Kif jiġi ġġustifikat il-bniedem quddiem Alla?

Meta Pawlu ltaqa' mal-Mulej Ġesù fit-triq ta' Damasku kien bniedem realizzat: "għal dik li hi ġustizzja tal-Liġi, ħadd ma seta' jgħid xejn fija (Fil 3:6), "kemm kont 'il quddiem fir-reliġjon Lhudija fost il-poplu tiegħi aktar minn sħabi kollha ta' mpari mġennen kif kont għat-tradizzjonijiet ta' missirijieti" (Gal 1:14). Id-dawl ta' Kristu fit-triq ta' Damasku għamel minnu ħolqien ġdid: il-merti kollha li qies li kellu minħabba l-imġiba reliġjuża sħiħa tiegħu saru xejn: "Jien ngħodd kollox bħala telf ħdejn il-qligħ kbir li hemm filli nagħraf lil Kristu Ġesù Sidi; minħabba fih ridt li nitlef kollox, u ngħodd kollox bħala knis, biex nirbaħ lil Kristu, u nkun ninsab fih; mhux għax għandi xi ġustizzja tiegħi, dik li tiġi permezz tal-Liġi, iżda dik li tiġi permezz tal-fidi fi Kristu; il-ġustizzja ġejja minn Alla u mibnija fuq il-fidi" (Fil 3:8-9). Mela, mhux aktar l-opri tal-Liġi, imma l-għarfien ta' Kristu Ġesù, Mulej tiegħu.

Ir-relazzjoni bejn Pawlu u l-Irxoxt saret daqshekk profonda li twassal lil Pawl jistqarr li Kristu kien sar il-ħajja kollha tiegħu: "Għax għalija l-ħajja hi Kristu u l-mewt hija rebħ" (Fil 1:21). Mhux għax kien jiddisprezza l-ħajja, imma kien fehem li l-ħajja kollha tiegħu kienet kollha kemm hi msejsa fuq ix-xewqa li jkun ma' Kristu, bħal ġerrej fl-istadju, biex jilħqu u jkun dejjem miegħu. L-Irxoxt kien sar il-bidu u t-tmiem tal-ħajja tiegħu, is-sens u t-tmiem tal-ġirja tiegħu. Kienet biss il-preokkupazzjoni u l-maturazzjoni fil-fidi ta' dawk li kien evanġelizza u l-knejjes li kien waqqaf li bħal donnha ġegħlitu jimxi aktar bil-mod biex isieħeb miegħu l-fidili biex miegħu jaslu lejn it-tmiem: Kristu. Jekk fl-osservanza tal-Liġi preċedenti ma kellu xejn biex jikkritika lilu nnifsu f'dik li hi integrità morali, issa li Kristu kien dawlu kien jippreferi ma jgħaddix ġudizzju fuqu nnifsu (ara 1Kor 4:3-4) u jillimita ruħu li jagħmel ħiltu biex jilħaq





lil Dak li kien rebbħu għalih (ara Fil 3:12).

Hija din ir-relazzjoni personali ma' Kristu li Pawlu jqiegħed fiċ-ċentru tal-Vanġelu tiegħu oppożizzjoni netta bejn żewġ toroq li jwasslu għall-ġustizzja: waħda mibnija fuq l-opri tal-Liġi, l-oħra mibnija fuq il-grazzja tal-fidi f'Ġesù Kristu. L-alternattiva bejn il-ġustizzja ġejja mill-Liġi u dik ġejja mill-fidi f'Ġesù Kristu ssir għalhekk tema dominanti fl-ittri tiegħu: "Aħna, Lhud minn twelidna u mhux midinbin mill-Ġentili, aħna li nafu li l-bniedem ma jkunx iġġustifikat bl-opri tal-Liġi imma bil-fidi f'Ġesù Kristu, aħna wkoll emminna f'Ġesù Kristu, sabiex inkunu ġġustifikati bil-fidi fi Kristu u mhux bl-opri tal-Liġi, għaliex bl-opri tal-Liġi ebda bniedem ma jkun iġġustifikat" (Gal 2:15-16). U lill-Insara ta' Ruma jtenni: "Il-bnedmin kollha dinbu u ċċaħħdu mill-glorja ta' Alla; għalhekk issa huma jkunu ġġustifikati bil-grazzja tiegħu li jagħtihom minn rajh permezz tal-fidwa li hemm fi Kristu Ġesù...Għax aħna għandna fehma sħiħa li l-bniedem ikun iġġustifikat permezz tal-fidi mingħajr l-opri tal-Liġi" (Rum 3:24-25).

Liema hi l-Liġi li minnha ġejna meħlusa? Liema huma l-opri tal-Liġi li ma jiġġustifikawx lill-bniedem? Per eżempju, diġà fil-komunità ta' Korintu kien hemm l-opinjoni (li qamet dejjem matul l-istorja) li din kienet il-liġi morali u li l-ħelsien nisrani kien fil-fatt ħelsien mill-etika (kollox huwa leċtu! - panta moi exestin!). Hu ovvju li din hija interpretazzjoni żbaljata: il-ħelsien nisrani mhuwiex libertà milli tagħmel dak li huwa tajjeb!

Il-Liġi li minnha jitkellem San Pawl hija t-Torah fit-totalità tagħha, il-ħames Kotba ta' Mosè. It-Torah kienet timplika, fl-interpretazzjoni fariżajka, dik li fih tħarreġ Pawlu, kumpless ta' mġiba li min-nukleu etiku kien imiss ġabra kbira ta' preċetti ritwali u kultwali li kienu jiddeterminaw sostanzjalment l-identità tal-bniedem ġust: inġibu quddiem għajnejna ċ-ċirkonċiżjoni, il-preċetti tal-ikel kosher, l-indafa ritwali, ir-regoli dwar il-ħarsien tas-sibt eċċ. Preċetti li kienu jiddeterminaw identità soċjali, kulturali u reliġjuza, identità li l-Lhud kienu jintrabtu bis-sħiħ magħhom biex ma jintilfux fil-kultura aktar wiesgħa u komuni tal-perijodu ellenistiku.

Tant kienet qawwija l-pressjoni fuq l-identità Lhudija u l-fidi f'Alla wieħed u l-wegħdiet tiegħu, li kien neċessarju jinbena ħajt madwar il-wirt tal-fidi; u

dan il-ħajt kien proprju din l-osservanza skrupluża tal-preċetti Lhud. Pawlu, li kien fehem dawn l-osservanzi bħala ħajt ta' kenn u ħarsien tad-doni ta' Alla, tal-wirt tal-fidi f'Alla wieħed, ra fil-libertà tal-insara theddida; u kien għalhekk li kien jippersegwitahom. Fil-mument tal-laqgħa tiegħu mal-Irxoxt, is-sitwazzjoni tinbidel radikalment. Bi Kristu, Alla ta' Israel, l-uniku veru Alla, isir Alla tal-popli kollha. Il-ħajt – kif jikteb f'Efesin – li kien hemm bejn il-Lhud u l-pagani ma kienx aktar neċessarju. Bil-qawwa tal-fidi fi Kristu għandna issa identità waħda espressa f'diveri kulturi; huwa Kristu li jagħmilna ġusti. Mhemmx bżonn aktar ta' dawk l-opri tal-Liġi...il-fidi hija biżżejjed: li tħares lejn Kristu, li tafda lilek innifsek lil Kristu, li tingħaqad ma' Kristu, li tikkonforma ruħek miegħu u ma' ħajtu. U l-ħajja ta' Kristu hija l-imħabba; temmen mela jfisser tingħaqad ma' Kristu u tidħol f'imħabbtu. Issir ħolqien ġdid. Huwa għalhekk li Pawlu, fl-Ittra lill-Galatin, fejn żviluppa sewwa d-duttrina tiegħu dwar il-ġustifikazzjoni, jitkellem mill-fidi li taħdem permezz tal-imħabba (ara Gal 5:14).

Pawlu jaf li fl-imħabba lejn Alla u lejn il-proxxmu hija preżenti u tiġi attwata l-Liġi kollha kemm hi. Hekk ukoll fl-għaqda ma' Kristu fil-fidi toħloq l-imħabba u l-Liġi kollha hija realizzata. Insiru ġusti meta nemmnu u ningħaqdu ma' Kristu li huwa mħabba. Il-fidi fi Kristu toħloq l-imħabba. L-imħabba hija r-realizzazzjoni tal-għaqda ma' Kristu. B'hekk, magħqudin miegħu fl-imħabba, jagħmilna ġusti.

Mela, huwa Alla nnifsu li jiġġustifikana, għax jgħaqqadna ma' Kristu nnifsu permezz tal-fidi. Mela, hija l-fidi li, skont Pawlu, tagħmilna ġusti. Imma l-fidi mhijiex biss xi ħsieb,





opinjoni jew idea. Din il-fidi hija għaqda ma' Kristu. U jekk hija għaqda vera twelled neċessarjament l-imħabba, tiġi espressa fl-imħabba u l-karità. Fidi mingħajr imħabba hija fidi bla frott, hija fidi mejta.

Hu għalhekk li Pawlu, fl-Ittra lill-Galatin, minn banda jinsisti fuq il-gratwità tal-ġustifikazzjoni li ma tasalx permezz tal-opri tal-bniedem, imma fl-istess ħin jinsisti fuq ir-relazzjoni bejn il-fidi espressa fl-imħabba, il-fidi allura li ssir azzjoni li ssir għemejjel: "Għaliex fi Kristu Ġesù, biċ-ċirkonċiżjoni jew mingħajrha, xejn ma jkun jiswa ħlief biss il-fidi li taħdem permezz tal-imħabba" (Gal 5:6).

Għalhekk Pawlu jista' jitkellem mill-"għemejjel tal-ġisem" (Gal 5:19-21) u "l-għemejjel tal-Ispirtu" (22) li huma frott tal-ispirtu, espressjoni intima u neċessarja tal-fidi. U l-ewwel għemil tal-ispirtu hija l-imħabba (agape)...għax l-Ispirtu, li huwa l-Imħabba tal-Missier u tal-Iben, iferra' l-ewwel don tiegħu, l-agape, f'qalbna (Rum 5:5). Hija l-imħabba li ssir imħabba fraterna, li fiha tinkarna ruħha l-imħabba ta' Alla u ta' Kristu, permezz tal-Ispirtu.

Ġustifikati bil-qawwa tad-don tal-fidi fi Kristu, min jemmen jiġi msejjaħ jgħix fl-imħabba ta' Kristu għall-proxxmu (Gal 6:2).

F'din il-prospettiva, iċ-ċentralità tal-ġustifikazzjoni mingħajr l-opri, tema ewlenija tal-predikazzjoni ta' Pawlu, mhijiex f'kuntradizzjoni mat-tema tal-fidi li tidher u topera fl-imħabba; anzi, titlob li l-istess fidi tagħna tiġi espressa fil-ħajja ġdida skont l-Ispirtu.

Għaliex ġejna ġġustifikati fi Kristu, m'aħniex aktar tagħna nfusna, sirna tempji tal-Ispirtu u aħna msejħin biex nigglorifikaw lil Alla bil-ħajja kollha tagħna (1Kor 6:19). Aħna tnaddafna, tqaddisna u ġejna ġġustifikati fl-isem ta' Sidna Ġesù Kristu u fl-Ispirtu ta' Alla tagħna (1Kor 6:11), ġejna mixtrija bid-demm ta' Kristu. Tħallas prezz għoli

għalina u proprju għalhekk, il-fidi twassalna biex noffru ġisimna b'sagrifiċċju ħaj, qaddis, jogħġob lil Alla, jiġifieri l-qima spiritwali tagħkom (Rum 12:1)...fidi li espressa f'din il-qima eżistenzjali ssir servizz ta' qadi fl-imħabba lejn l-aħwa. U fuq dan hemm anke ġudizzju: "Jeħtieġ li lkoll kemm aħna nidhru quddiem it-tribunal ta' Kristu ħalli kulħadd jieħu skont it-tajjeb u l-ħazin li jkun għamel meta kien għadu ħaj fil-ġisem" (2Kor 5:10).

"Min hu fi Kristu huwa ħolqien ġdid" (2Kor 5:17): Iġġustifikati biss fil-fidi fi Kristu, Alla jgħaqqadna ma' Kristu Ġesù, Mulej, Feddej u Salvatur, iqaddisna, isalvana, jirrikonċiljana miegħu permezz ta' Ibnu.

Mhux ta' b'xejn illi Pawlu joħroġ bi stqarrija tremenda f'2Kor 5:21: "Dak li ma kienx jaf x'inhu dnub, Alla għamlu dnub għalina sabiex aħna nsiru fih ġustizzja ta' Alla". Bis-saħħa ta' din il-fidi nitlaqqmu fi Kristu, fl-imħabba. Bis-saħħa ta' din ir-relazzjoni eżistenzjali miegħu nsiru għodda ta' mħabba, permezz tal-Ispirtu, imħabba li neċessarjament tidher mal-proxxmu, fl-għemejjel tal-Ispirtu. Dan fuq livell individwali, imma anke fuq livell ta' Knisja, ta' komunità, ta' miġemgħa li temmen fl-imħabba. Dik l-imħabba li dehret fi Kristu Ġesù u li ħadd u xejn ma jista' jifridna minnha! (Rum 8:31-39).





# IL-KRISTOLOĠIJA TAL-EVANĠELJU SKONT SAN ĠWANN

***Fr Martin Micallef OFMCap***

Huwa fatt magħruf li l-preżentazzjoni tal-persuna ta' Ġesù Kristu fl-Evanġelju skont San Ġwann tisboq bil-bosta l-Kristoloġija tal-Evanġelji Sinottiċi. Bla dubju, dan hu frott ta' aktar riflessjoni teoloġika profonda fuq il-persuna ta' Kristu min-naħa tal-komunità nisranija li għaliha ġie miktub dan l-Evanġelju.[1] F'dan l-artiklu sejrin naraw kif ir-Raba' Evanġelista jitkellem fuq il-persuna ta' Ġesù, l-Iben ta' Alla, f'rabta mal-Missier, u kif dan il-mod li bih jitkellem l-Evanġelista jvarja minn dak li naqraw fl-Evanġelji Sinottiċi.

## Is-Sentimenti ta' Ġesù

Fl-Evanġelji Sinottiċi niltaqgħu ma' Ġesù mimli ħniena mal-persuni li jiltaqa' magħhom. Il-kliem "ħniena" jew "ġietu ħasra" fil-fatt insibuhom użati għal Ġesù fit-tliet Evanġelji Sinottiċi.[2] Dawn il-kliem iżda huma għal kollox nieqsa mill-vokabularju użat fl-Evanġelju skont San Ġwann.[3] Huwa veru li f'dan l-Evanġelju tingħata attenzjoni lil ċerti karatteristiċi umani ta' Ġesù. Hekk, per eżempju, naqraw li għajjien kif kien mill-vjaġġ, Ġesù jitlob lill-mara Samaritana sabiex tagħtih jixrob (ara Ġw 4:7).[4] Minkejja dan, id-djalogu ta' Ġesù ma' din il-mara jaqleb fuq livell ieħor, dak tal-ilma ħaj li Ġesù nnifsu issa joffri lil din il-mara, filwaqt li ma nisimgħu xejn aktar fuq it-talba ta' Ġesù lil din il-mara sabiex tagħtih jixrob.[5]

Fl-episodju ta' Lazzru naqraw li Ġesù kien ħabib ta' Lazzru, u li "Ġesù kien iħobbhom lil Marta u lil oħtha u lil Lazzru" (11:5). Għall-aħbar li ħabibu Lazzru kien marid, Ġesù iżda ma jitlaqx jgħaġġel lejn Betanja sabiex ifejjaq lil Lazzru. Minflok, Ġesù jistenna jumejn oħra, b'mod illi Lazzru laħaq miet. Ħdejn il-qabar ta' Lazzru naqraw dwar is-sentimenti ta' Ġesù li "ħass ruħu mqanqal u tħawwad ħafna" (v.33). Ġesù saħansitra jibki f'din ix-xena, b'mod illi l-Lhud jgħidu: "Ara kemm kien iħobbu!" (v.35). Madanakollu, din in-nota aktarx li tagħmel parti mill-ironija ta' San Ġwann: dawn l-emozzjonijiet ta' Ġesù huma marbuta mal-"Lhud" li baqgħu m'emmnux u mhux mal-fatt li Ġesù kien tilef il-ħabib tiegħu Lazzru.[6]

## Is-Sigriet Messjaniku

Fl-Evanġelji Sinottiċi niltaqgħu ukoll mal-ordni li Ġesù jagħti lil tant personaġġi li magħhom ikun għamel xi miraklu, biex ma jitkellmux fuqu u fuq dak li jkun għamel magħhom. Dan hu dak li nsejħulu 'is-sigriet messjaniku.' Hekk,





per eżempju, fl-Evanġelju skont San Mark, Ġesù ma jitkellimx fuqu nnifsu bħala l-Messija jew bħala l-Iben ta' Alla b'mod pubbliku sakemm naslu għax-xena tal-interrogatorju ta' Ġesù quddiem il-qassis il-kbir. Huwa hawnhekk, f'din is-siegħa tal-verità li Ġesù ma setax jevita li jagħti tweġiba għall-mistoqsija: "Inti l-Messija, Bin l-Imbierek?" (Mk 14:61).[7]

L-Evanġelju skont San Ġwann, iżda, jagħti impressjoni totalment differenti. F'dan l-Evanġelju Ġesù jitkellem b'wiċċu minn quddiem fuq il-fatt li hu l-Iben ta' Alla. Fid-diskorsi tiegħu f'dan l-Evanġelju, Ġesù jippreżenta lilu nnifsu b'maestà kbira permezz tal-użu tal-frażi "Jiena Hu" [bil-Grieg: *ego eimi*] filwaqt li jitkellem ukoll b'mod apert fuq il-pre-eżistenza tiegħu: "Tassew tassew ngħidilkom, qabel ma kien Abraham, jiena hu" (Ġw 8:58).[8]

Ġesù jagħmel hekk mhux biss mad-dixxipli tiegħu, imma wkoll mal-"Lhud" li jibqgħu ma jemmnux fih u li jagħmlulu oppożizzjoni kbira. Hekk, per eżempju naqraw f'8:16 meta Gesù jgħidilhom: "Kieku kelli nagħmel ħaqq jien, il-ħaqq tiegħi kien ikun sewwa, għax jien m'iniex waħdi, imma miegħi għandi l-Missier li bagħatni." Hekk ukoll f'10:33 naqraw: "Weġbuh il-Lhud: 'Mhux għal xi għemil tajjeb irridu nħaġġruk, iżda minħabba d-dagħwa li dgħajt, u għax int, li m'intix ħlief bniedem, qiegħed tagħmel lilek innifsek Alla.'"[9]

## Affermazzjonijiet divini

L-affermazzjonijiet ta' Ġesù li fihom huwa juża l-espressjoni "Jiena hu" ikomplu jgħinuna nifhmu l-Kristoloġija ta' dan l-Evanġelju, jiġifieri l-mod kif ir-Raba' Evanġelista jħares u jqis l-identità ta' Ġesù bħala Alla. L-espressjoni "Jiena hu" hija użata f'dan l-Evanġelju ħamsa u tletin darba. Dawn is-sentenzi ġew ivvalutati skont skemi differenti.

Hekk ħafna studjużi jiġbru flimkien dawk is-sentenzi ta' Ġesù li fihom insibu użata din l-espressjoni fejn tinkludi wkoll aktar elaborazzjoni. Dawn il-kostruzzjonijiet huma użati sabiex jiċċaraw aktar il-Kristoloġija ta' dan l-Evanġelju permezz ta' eżempji ħajjin li jispjegaw aktar il-figura messjanika ta' Kristu.[10] Fid-diskors fuq il-ħobż ħaj li niżel mis-sema, per eżempju, Ġesù jgħid: "Jiena hu l-ħobż tal-ħajja …" (6:35); aktar tard fil-vers 41 huwa jerġa' jafferma: "Jiena hu l-ħobż li niżel mis-sema"; filwaqt li fil-vers 48 jgħid:

"Jiena hu l-ħobż tal-ħajja"; u fil-vers 51: "Jiena hu l-ħobż il-ħaj, li niżel mis-sema."

Lil-'Lhud' f'Ġerusalemm waqt il-festa tat-Tabernakli, Ġesù jgħidilhom: "Jiena hu d-dawl tad-dinja" (8:12). Fid-diskors fuq ir-ragħaj it-tajjeb, Ġesù jgħid: "Jiena hu l-bieb tan-ngħaġ" (10:7); fil-vers 9 jerġa' jtenni: "Jiena hu l-bieb"; fil-versi 11 u 14 insibu lil Ġesù jgħid: "Jiena r-ragħaj it-tajjeb."

Lil Marta u Marija, Ġesù jgħidilhom: "Jiena hu l-qawmien u l-ħajja" (11:25). Lid-dixxipli tiegħu miġbura flimkien waqt l-aħħar ċena, Ġesù jgħidilhom: "Jiena hu t-Triq, il-Verità u l-Ħajja" (14:6); filwaqt li fil-Kapitlu15 huwa jgħid: "Jiena hu d-dielja vera" (v.1) u fil-vers 5 jerġa' jgħid: "Jiena hu d-dielja, u intom il-friegħi."

Imbagħad hemm dawk l-espressjonijiet assoluti fejn il-kliem "Jiena hu" jibqgħu weħidhom mingħajr ebda modifikazzjoni avverbjali. Hekk f'4:26, Ġesù jgħid lill-mara Samaritana: "*Jiena hu* li qiegħed nitkellem miegħek." Lid-dixxipli fuq id-dgħajsa jgħidilhom: "*Jiena hu*, la tibżgħux" (6:20). Lil-'Lhud' li ma emmnux fih, Ġesù jweġibhom: "Intom tmutu fi dnubietkom. Għax jekk ma temmnux li *jiena hu*, tmutu … qabel ma kien Abraham, *jiena hu*" (8:24.58). Lil dawk li marru biex jarrestawh, Ġesù jwegibhom: "'*Jiena hu,*' huma resqu lura u waqgħu mal-art" (Ġw 18:5-6).

Waħda mill-mistoqsijiet l-aktar studjati fir-rigward ta' dawn is-sentenzi ta' Ġesù li jibdew bil-kliem "Jiena hu" hija l-kwestjoni tal-isfond bibliku tagħhom. Għalkemm hemm tweġibiet differenti għal dan, ħafna mill-istudjużi jżommu li l-isfond għall-kliem ta' Ġesù li jibda bil-kliem "Jiena hu" huwa l-affermazzjonijiet divini li nsibu f'Isaija jew inkella r-rivelazzjoni tal-isem divin muri lil Mosè.

Tajjeb ninnutaw hawn, li fit-traduzzjoni tas-LXX tal-Eżodu 3:14 naqraw hekk: "Jiena hu dak li hu" [bil-Grieg: *ego eimi ho hon*]. Dan il-mod kif nifhmu r-rivelazzjoni ta' Alla nnifsu tixbah lid-dikjarazzjonijiet divini li nsibu f'Isaija 40-66 fejn il-kliem: "Jiena Jahweh" ħafna drabi huma tradotti "Jiena hu" [bil-Grieg: *ego eimi*]. [11]

Dan jurina li kostruzzjonijiet assoluti 'Jiena hu' huma użati fil-kuntest tal-Evanġelju skont San Ġwann sabiex jaffermaw b'mod qawwi



li Ġesù hu l-Messija [il-Kristu], f'kuntrast, per eżempju, mal-figura ta' Ġwanni l-Battista, li bl-istess mod qawwi jiċħad li ma kienx hu l-Messija.[12]

## Kristoloġija retrospettiva

Meta nqisu l-importanza ta' dawn l-affermazzjonijiet divini ta' Ġesù, naslu biex naqblu ma' tant studjużi li kkonkludew li f'dan l-Evanġelju, Ġesù hu muri lilna minn perspettiva retrospettiva tal-qawmien mill-imwiet, jiġifieri li Ġesù ta' San Ġwann hu Kristu Rxoxt u li n-narrativa ta'dan l-Evanġelju għalhekk hija rrakkuntata minn din il-perspettiva. Dan jgħinna nifhmu wkoll li l-Kristoloġija ta' San Ġwann hija ppreżentata b'mod illi l-ħarsa ta' dan l-Evanġelista lejn Ġesù tibda bl-inkarnazzjoni tal-*Logos* divin jew aħjar mill-fatt hu ġie minn "ħdan il-Missier" (1:18), nota li tiddomina d-dehra u l-attività ta' Ġesù fil-missjoni tiegħu fuq din l-art.[13]

Kontinwament u b'mod ripettitiv naqraw f'dan l-Evanġelju kif Ġesù, niżel mis-sema u reġa' tela' mill-ġdid. Hekk jgħid Ġesù lil Nikodemu "Ħadd ma tela' s-sema ħlief Bin il-bniedem, li niżel mis-sema" (3:13). Hekk ukoll f'6:62 Ġesù jgħid lid-dixxipli: "Mela xi tgħidu kieku kellkom taraw lil Bin il-bniedem tiela' fejn kien qabel?" Għax hu "minn



fuq," Ġesù huwa wkoll "fuq kulħadd" (3:31) u jagħti xhieda ta' dak li ra u sema' mill-Missier (ara 3:32).[14]

Dan il-motiv ta' nżul u tlugħ jgħinna nifhmu li fil-ħsieb tar-Raba' Evanġelista l-Iben ta' Alla ġie minn ħdan il-Missier (ara 1:18) għaliex hu ħaġa waħda miegħu (ara 10:30). Din ir-rabta tal-Iben mal-Missier tas-sema f'dan l-Evanġelju tkompli tidher meta Ġesù jistqarr li "il-Missier iħobb lill-Iben, u ħalla kollox f'idejh" (3:35). Hekk ukoll naqraw fil-bidu tal-episodju tal-aħħar ċena meta l-Evanġelista jikkumenta: "Ġesù kien jaf li l-Missier tah kollox f'idejh, u li hu kien ġie mingħand Alla u kien sejjer għand Alla" (13:3).

Minħabba li Ġesù ġie minn ħdan il-Missier u hu ħaġa waħda mal-Missier, l-Evanġelista San Ġwann ikompli jurina li l-missjoni ewlenija ta' Ġesù kienet li jirrivela jew li juri lill-Missier.[15] Kull ma jgħid u jagħmel Ġesù, għalhekk huwa frott l-għaqda tiegħu



mal-Missier. Spiss naqraw f'dan l-Evanġelju li l-Missier hu fl-Iben, u li l-Iben hu fil-Missier.[16]

F'nofs kontroversja taħraq mal-'Lhud', għalhekk naqraw kif Ġesù jgħidilhom: "Jekk jien m'iniex nagħmel l-għemejjel ta' Missieri, temmnunix; imma jekk qiegħed nagħmilhom, jekk ma temmnux lili, għallinqas emmnu l-għemejjel, biex tkunu tafu u tagħrfu li l-Missier huwa fija u jiena fil-Missier" (8:37-38). Hekk ukoll waqt l-aħħar ċena, Ġesù jgħid lil Filippu: "Ma temminx li jiena fil-Missier u l-Missier fija? Emmnuni! Jiena fil-Missier u l-Missier huwa fija" (10:10-11).

Ġesù għalhekk jgħid li l-kliem tiegħu mhumiex tiegħu imma tal-Missier li bagħtu: "Għax dak li bagħtu Alla jgħid il-kliem ta' Alla" (3:34). Hekk ukoll fit-tmiem tal-ministeru pubbliku tiegħu, Ġesù jistqarr: "Għax jiena ma għedt xejn minn moħħi, imma kien dak li bagħatni, jiġifieri l-Missier, li ordnali xi ngħid u nitkellem … Dak li ngħid jien, ngħidu kif qalli l-Missier" (10:49-50). L-istess nota nsibuha waqt l-aħħar ċena, meta Ġesù jgħid: "Il-kliem li ngħidilkom jien, ma ngħidux minn moħħi iżda l-Missier li jgħammar fija qiegħed jagħmel l-opri tiegħu" (14:10).

Hekk ukoll meta Ġesù jitkellem fuq l-għemejjel li kien qed jagħmel, huwa jurina li dawn l-għemejjel kienu l-istess għemejjel li tah il-Missier. Hekk naqraw f'5:36: "l-għemejjel li tani l-Missier biex intemmhom, jiġifieri dawk l-istess għemejjel li jiena qiegħed nagħmel, jixhdu għalija li kien il-Missier li bagħatni."

## Min ra lili ra lill-Missier

Fuq kollox, Ġesù seta jgħid: "min ra lili jkun qiegħed jara lil min bagħatni" (12:45). Hekk ukoll lil Filippu, Ġesù jgħidlu: "Ili daqshekk magħkom, Filippu, u għadek ma għaraftnix? Min ra lili ra lill-Missier" (14:9). Dan ifisser li min ma jemminx fl-Iben ma jkunx qed jemmen lanqas fil-Missier li bagħtu, u min ma jafx lill- Iben ma jafx lill-Missier.

Hekk jgħid Ġesù lil dawk li ma emmnux fih: "Intom

la lili ma tafu u lanqas lil Missieri. Li kieku kontu tafu lili, kontu tkunu tafu lill-Missier ukoll" (8:19). Hekk ukoll min ma jħobbx lill-Iben ma jħobbx lill-Missier, kif ikompli jgħid Ġesù f'dan id-diskors: "Li kieku Alla kien missierkom, lili kontu tħobbuni, għax jien ħriġt u ġejt mingħand Alla" (8:42).[17]

Huwa għalhekk li għal dan l-Evanġelista hemm dnub wieħed biss: dak li ma temminx li Ġesù hu l-Iben ta' Alla. Li tibqa' ma temminx fl-Iben ifisser li ma temminx lanqas fil-Missier li bagħtu. Dan hu l-ġudizzju u l-kundanna għar-Raba' Evanġelista: "Min jemmen fih ma jkunx ikkundannat; iżda min ma jemminx huwa ġa kkundannat, għax ma emminx fl-isem tal-Iben il-waħdieni ta' Alla" (3:18).

Il-Kristoloġija ta' San Ġwann, mela, hija marbuta ħaġa waħda mal-mod kif dan l-Evanġelista jitkellem fuq il-Missier tas-Sema. Ma tistax titkellem fuq il-Missier jekk mhux f'rabta mal-Iben, u ma tistax titkellem fuq l-Iben jekk ma titkellimx fuq il-Missier, għax "Jien u l-Missier aħna ħaġa waħda" (10:30). Dan kollu kif rajna f'dan l-artiklu wassal sabiex l-istudjużi ta' dan l-Evanġelju sejħu l-Kristoloġija tar-Raba' Evanġelju bħala muntanja għolja jew oħra 'The Johannine *Himalayas.*'[18]għax tassew li meta nqabblu l-Kristoloġija tar-Raba' Evanġelista ma' dik tal-Evanġelji Sinottiċi, mill-ewwel nindunaw kemm l-Evanġelista San Ġwann jogħla 'l fuq meta jiġi biex jitkellem fuq Ġesù bħala l-Messija, l-Iben ta' Alla.



## Referenzi


1 Fuq il-komunità ta' San Ġwann u l-mod kif seta' nkiteb ir-Raba' Evanġelju, ara J. Louis Martyn, *History and Theology in the Fourth Gospel,* 3rd ed. (Louisville: Westminister John Knox Press, 2003).

2 Ara Carlo Miglietta, *La Misericordia di Dio: Percorso biblico per l'Anno Santo della Misericordia* (Milano: Gribaudi, 2015).

3 Fuq dan l-argument, ara Martin Micallef, "Il-Ħniena fl-Evanġelju skont San Ġwann: Ħniena Quddiem id-Dnub (Ġw 7:73 – 8:11)," f' *Il-Ħniena ta' Alla: Riflessjonijiet għall-Ġublew tal-Ħniena,* ed. Philip Cutajar (Malta: Best Print, 2016), 29-40.

4 Dwar l-aspett uman ta' Ġesù fir-Raba' Evanġelju ara l-istudju ta' Marianne Meye Thompson, *The Humanity of Jesus in the Fourth Gospel* (Philadelphia: Fortress, 1988).

5 Fuq il-livelli differenti tat-tifsir tal-ilma fl-episodju tal-laqgħa ta' Ġesù mal-mara Samaritana, ara J. Eugene Botha, *Jesus & the Samaritan Woman: A Speech Act Reading of John 4:1-42* (Leiden: Brill, 1991).

6 Dwar l-ironija bħala motiv letterarju fl-Evanġelju skont San Ġwann, ara, Paul D. Duke, *Irony in the Fourth Gospel* (Atlanta: John Knox Press, 1985).

7 Dwar il-motiv tal-'sigriet messjaniku fl-Evanġelju skont San Mark, ara, Heikki Räsänen, *The 'Messianic Secret' in Mark's Gospel,*

trans. Christopher Tuckett (Edinburgh: T & T Clark, 1990).

8 Fuq il-kuntrast tal-Kristoloġija fl-Evanġelju skont San Ġwann f'kuntrast ma' dak li nsibu fl-Evanġelji Sinottiċi, ara, Rudolf Schnackenburg, *Jesus in the Gospels: A Biblical Christology,* trans. O. C. Dean (Louisville: Westminister John Knox Press, 1993), 219-294.

9 Dwar il-konfrontazzjoni ta' Ġesù mal-'Lhud' fuq l-identità tiegħu bħala l-Iben ta' Alla fl-Evanġelju skont San Ġwann, ara, Maurizio Marcheselli, "Studi sul vangelo di Giovanni: Testi, temi e contesto storico," *Analecta Biblica* 9 (Roma: GBR, 2016), 329-374. Ara wkoll, Johannes Beutler, *L'Ebraismo e gli Ebrei nel Vangelo di Giovanni,* Subsidia Biblica 29 (Rome: Pontificio Istituto Biblico, 2006).

10 Fuq is-sentenzi ta' Ġesù li jibdew bil-formulazzjoni "Jiena Hu," ara, George Mlakuzhyil, *Christocentric Literary-Dramatic Structure of John's Gospel,* Analecta Biblica 117, 2nd (Rome: GBP, 2011), 603-615.

11 Ara, Stanley E. Porter, *John, His Gospel, and Jesus: In Pursuit of the Johannine Voice* (Grand Rapids/MI: Eerdmans, 2015), 120-148; ara wkoll J.-A. Bühner, "The Exegesis of the Johannine 'I-Am' Sayings," in *The Interpretation of John,* ed. John Ashton, 2nd (Edinburgh: T & & Clark, 1997), 207-218.

12 Ara Ġw 1:19-23. Fuq is-superjorità ta' Ġesù fuq Ġwanni 'l-Battista' fir-Raba' Evanġelju fi sfond kontroversjali ara, John Painter, *The Quest for the Messiah: The History, Literature and Theology of the Johannine Community,* 2nd (Edinburgh: T&T Clark, 1993), 152-153. Ara wkoll, Elizabeth Harris, *Prologue and Gospel: The Theology of the Fourth Evangelist,* Journal for the Study of the New Testament Supplement Series 107, (Sheffield: Sheffield Academic Press, 1994), 26-62.

13 Għal aktar tagħrif fuq il-Kristoloġija ta' San Ġwann minn din il-perspettiva, ara, John Ashton, *The Gospel of John and Christian Origins* (Minneapolis: Fortress, 2014).

14 Fuq din it-tema ara l-istudju klassiku ta' Wayne A. Meeks, "The Man from Heaven in Johannine Sectarianism," in *The Interpretation of John,* ed. John Ashton, 2nd (Edinburgh: T&T Clark, 1997), 169-206.

15 Ara Peder Borgen, "God's Agent in the Fourth Gospel," in *The Interpretation of John,* ed. John Ashton, 2nd (Edinburgh: T&T Clark, 1997), 83-96.

16 Fuq ir-rabta tal-Iben mal-Missier fl-Evanġelju skont San Ġwann ara l-istudju ta' Marianne Meye Thompson, *The God of the Gospel of John* (Grand Rapids/MI: Eerdmans, 2001).

17 Għal aktar tagħrif fuq il-preżentazzjoni tal-għaqda bejn il-Missier u l-Iben f'dan l-Evanġelju, ara, Paul Meyer, "'The Father': The Presentation of God in the Fourth Gospel," in *Exploring the Gospel of John: In Honor of D. Moody Smith,* ed. R. Alan Culpepper and C. Clifton Black (Louisville: Westminister, 1996), 255-273.

18 Dan hu t-titlu ta' artiklu fl-istudju ta' Larry Kreitzer, *The Gospel According to John,* Regent's Study Guides 1 (Oxford: Regent's Park College, 1990), 99-110.

## Ġedded l-Abbonament tiegħek

# L-ART Imqaddsa
RIVISTA BIBLIKA




# ABBONAMENT:

## €10 fis-sena

## €15 jew aktar Sostenitur

Toħroġ kull 3 xhur

**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

*Jekk irċevejt ir-Rivista b'xejn għaliex ġejt l-Art Imqaddsa mal-Franġiskani, ħallas l-abbonament biex tkompli tirċiviha.*

# Tiġdid
## L-Art Imqaddsa
## 2018

Kunjom ______________________

Isem ______________________

Indirizz ______________________

______________________

______________________

Kodiċi Postali ______________________

Qed nibgħat € ______________
bħal abbonament għall-2018



# Pellegrinaġġi Franġiskani 2018

**Ikteb jew ċempel:**
**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**

8, Triq Santa Luċija,
Valletta VLT 1213, Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

## Art Imqaddsa u Ġordanja

09 - 19 April

## Art Imqaddsa

07 - 15 Mejju

Għaż-Żgħażagħ 02 - 10 Lulju

*Imexxi l-pellegrinaġġ Mons Arċisqof Charles J. Scicluna*

12 - 20 Lulju

20 - 28 Awwissu

13 - 21 Settembru

## Art Imqaddsa *Extra*

04 - 14 Novembru

## Assisi

23 Ġunju - 1 Lulju

15 - 23 Settembru